Guzeppi Gatt.

# P ' U B U

L-1 XENA

Kamra fid-dar ta' UBU

PA UBU	Il-kaħbecc.

MA UBU	Dan xi kliem hu ja maħmuġ imġiddem l'int. Ma tisthix bicca ta' xiħ żmagat imnittef bħalek titkellem hekk.

PA UBU	Ara kif tkellimni qed ngħidlek għax niftaħlek rasek ktieb, ja cercura l'int.

MA UBU	Ajma, ajma. Qiegħed tweġġagħni. Ħallini. Ħa ngħidlek. Ħallini ħa nkellmek. Għax ma ....

PA UBU	Xiex?

MA UBU	Għax ma tiftaħx ras ħaddieħor.

PA UBU	X'int tgħid. Af li ma fhimtekx, tliftni.

MA UBU	Oqgħod bil-qiegħda ħanini, u ismagħni sew. Inti trid tgħid qalbi, li inti kuntent kif int, kuntent b'li għandek?

PA UBU	Daż-żgur li jien kuntent. Kif nista' ma nkunx. X'jonqosni iżjed. Kaptan tal-kavallerija; konsulent specjali tar-Re Kovskovicc innifsu; ex-Re t'Aragona ...

MA UBU	Sakemm serqulek il-kuruna u tefgħuk 'il barra b'daqqa ta' sieq.

PA UBU	Mhux veru!

MA UBU	U int, wara li kellek l-unur li tiggverna fuq Spanja kollha, tista' tgħidli li int kuntent b'li għandek.

PA UBU	Mela miniex?

MA UBU	Int ġifa. Beżżiegħ. Kieku kont flokok ma nafx kif nista' nsib serħan f'qalbi meta naf li jista' jkolli l-Polonja kollha warajja.

PA UBU	U x'int tħawwad. Ma tafx li barra l-fatt li r-Re Kovskovicc għadu jferfer, dak it-tfal jagħmilhom bħall-fniek. Għandu min joħodlu postu, allaħares qatt iħal-lina jew jiġrilu xi ħaġa.

**PA UBU** Imma le. K'qed ngħid. Jien, kaptan tal-kavallerija, ex-Re t'Aragona, konsulent specjali tar-Re Kovskovicc, nasal li nneħħilu ħajtu? Le, ma jistax ikun. Aħjar teħodni l-mewt milli naqa' li nagħmel delitt faħxi bħal dan.

**MA UBU** (lill-Udjenza) Qed jerġa' jdurlu dal-baħnan. (lilu) Allura ħanini, trid tibqa' fqir qisek xi ġurdien ....

**PA UBU** Nippreferi nibqa' fqir u qalbi safja milli sinjur, u mcappas b'demm l-għażiż re tiegħi.

**MA UBU** Diġa nsejthom iz-zalzett, il-kuruna, il-karozzella ...

**PA UBU** Ngħaddi mingħajrhom. Naħseb. (jgħajjat) Messaġġier! (Jidħol MESSAĠĠIER xiħ, jiġri)

**MESSAĠĠIER** Polski Kumpanija Messaġġi (P.K.M) għad-disposizzjoni tiegħek:

Ix-xewqat tiegħek huma l-ordnijiet tagħna
Kull ordni tiegħek isseħħ f'kemm ili ngħid
Il-messaġġi jaslu fejn trid f'leħħa ta' berqa
Efficenza bħal tagħna żgur li qatt ma rajt.

**PA UBU** Tajjeb. Mur iġri għand il-Kaptan Kicov u ..... (MESSAĠĠIER joħroġ [illegible], wara ftit jerġa' jidħol, aktar xipli) u għi[illegible] li jien UBU, nobbli, ex-Re t'Aragona w konsulent specjali tar-Re, nixtieq ....

**MESSAĠĠIER** (jikteb) Żomm tgħaġġilx ... jien, UBU, x'iżjed?

**PA UBU** Ubu, nobbli, ex-Re, ecc, ecc, nixtieq inkellmu minnufih. Aqrali xi ktibt.

**MESSAĠĠIER** Jien UBU, ex-nobbli, ecc, ecc, nixtieq konsulta minnufih ...

**PA UBU** U iva, bejn wieħed u ieħor Kicov jifhimni. Iġri, anzi, tir, anzi sparixxi.

MESSAĠĠIER joħroġ u jerġa' jidħol minnufih.

**MESSAĠĠIER** Il-Kaptan Kicov jibgħat jgħid li ġej dalwaqt.

**MA UBU** Ja mġiddem l'hu. Qed jerġa' jdurlu. Imma ma jimpurtax, bħalissa qiegħed bejn ħaltejn. Għad hemm ic-cans. Jekk Alla jrid, u bi ftit għajnuna mingħandi, fi ftit żmien inkun ir-reġina tal-Polonja.

**PA UBU** Il-Kaptan Kicov għandu jiġi minnufih.

MA UBU Rajtkom kif waqqajtu. Moħħ ta' mara m'hawnx bħalu. Imisshom it-tmexxija tal-pajjiżi jħalluhom f'idejna.

PA UBU U issa mur lesti xi ħaġa ta' l-ikel għax dak dejjem bl-aptit jiġi. U jien, għalija, qatt ma ngħid le ..

IT-2 XENA

L-istess. Tħejjija għall-ikel.

MA UBU Il-mistednin għadhom ma ġewx. Kollox imħejji għandi. Naħseb li se jaslu tard; jew forsi m'huma ġejjin xejn.

PA UBU Tieħu ħsieb xejn għażiża, dalwaqt jiġu. Nissaportu ftit, issa dalwaqt nieklu. Ħanin, ma nafx kif qed narak illum, illum qed narak aktar kerha mis-soltu, jaqaw għax se jkollna l-mistednin?

MA UBU Kont se ngħidlek kif nidher. Mela qatt ma ħarist f'mera, qisek tapp tax-xampanja rasu 'l isfel.

PA UBU Tassew inħossni bil-ġuħ, ħa nibdą niekol jien. Mhux ħażina din it-tiġieġa. Tarija. Kif inhi msajra ...

MA UBU Itlaqha minn ħalqek ja ħanżir, għax sakemm jiġu l-mistednin ma tħalli xejn.

PA UBU U għad fadal ħafna għalihom. Mhux se mmiss xejn iżjed. Mur daqsxejn fit-tieqa u ara tilmaħhomx ġejjin.

MA UBU Ma qed nara 'l ħadd (PA UBU jkompli jiekol) Issa donni qed nilmaħ lil xi ħadd ġej. Dak il-Kaptan Kicov riesaq 'l hawn. Hemm sħabu miegħu.

PA UBU Naturalment, dawk iridu jagħtuna daqqa t'id ukoll.

MA UBU Għadek tiekol ja ħanżir. Itlaqha minn idejk dik il-biċċa laħam għax m'hu se tħalli xejn għall-mistednin.

PA UBU Jekk tkompli twerżaq se nimbullalek għajnejk.

MA UBU taħrab minn taħt idejh meta jidħlu l-mistednin. SĦAB KICOV jidħlu marsusin ma' xulxin, qishom fidili.

MA UBU (tikkonfronta lil KICOV b'sidirha) L-għodwa t-tajba sinjuri. (jitgħannqu)

PA UBU — (*lill-Udjenza*) Imbagħad jgħidu li l-Pollakki m'għandhomx stonku. Biex ma tqażżiżhiex lil Ma Ubu. Kif qed taraw il-kaptan Kicov irid jurikom li ġej mill-istess razza li tat lid-dinja; nies qalbiena bħal Walesa li beda Solidarnix u bħal Jaruzelski li waqqafha.

KICOV — (*lill-Udjenza*) Sinjuri, nispjega ruħi. Mhux għax ma nitqażżiżhiex imma f'dan il-punt fl-istorja tagħna hemm bżonn li xi ħadd jidher qalbieni u kavallier.

MA UBU — Konn qegħdin nistennew il-wasla tiegħek, tagħkom, bil-ħerqa. Tassew inħossuna onorati bil-presenza tagħkom. Issa oqogħdu bil-qiegħda.

KICOV — L-għodwa t-tajba lilek ukoll sinjura (*jerġa' jgħannaqha*) imma fejn hu s-Sur Ubu. Fuq kollox, jien lilu ġejt inkellem.

A UBU — Hawnhekk qiegħed, mhux qed tarani. Trid tgħaddini biż-żmien. Kif tista' ma tilmaħnix, ġisem bħali.

V — Skużani, l-għodwa t-tajba lilek ukoll sinjur. (*lil SHABU*) Oqogħdu bil-qiegħda (*Jidħlu wara l-mejda*) Allura sinjura, x'ħejjejtilna sabiħ għall-ikel?

MA UBU — Tant ħallejtuna nistennew li ftit li xejn baqa' għal-ikom.

PA UBU — U kieku mhux għax qgħadt lura jien kieku lanqas riħa t'ikel m'għad baqa' hawn.

MA UBU — Hawn ħa l-menu ....

[illegible]1 — *Jaqra jgħaġġel*

Soppa tal-Qargħa Hamra, Minestra w Ross il-forn,
Torta tal-Lampuki taħlita makku w Tonn.
Ross bil-fwied tal-fenka, Ravjul Timpana w stejk,
Bebbux, pixxispad mixwi, ftajjar tal-frawli w kejk.
Trilju bir-ross mgħolli, Zalza tal-brinġiel,
Patata l-forn bil-laħam, li bħalhom ħadd ma kiel.
Tiġieġa fl-imbid abjad, Tiġieġa la Maltija,
Tiġieġa bil-patata, u tiġieġa mimlija.

Falda, Fenkata, Jelly tal-laring
Pasti, Pastizzi, Braġoli u Braġjolun
Biex jinżel imbid tal-għenba, fih għenba kull flixkun.

PA UBU — (igarras wiccu) Naħseb li dak kollox. Hemm xi ħaġa oħra?

ĦABIB 1 — Pudina, frott, ġobon, pastizzi ta' Ġerusalem, u patata msajra à la ħara.

PA UBU — Taħseb li jien xi gvernatur orjentali, dan l-ikel kollu!

MA UBU — Tifhimha int, irridu noħorġu ta' nies ma' dan-nies, irridu nimpressjonawhom. Tagħtux każu miskin 'il żewġi. Qed iħoss moħħu xi ftit miskin.

PA UBU — La naqbdek bejn snieni, ngħidlek min qed iħoss moħħu.

MA UBU — Agħlaq naqra ħalqek għażiż tiegħi. (lil KICOV) Jogħġbok idduq naqra soppa Pollakka.

KICOV — Jaqq din x'inhi? Din x'togħma għandha?

ĦABIB 1 — Jaqq, jien togħma ta' .... (jinstema' ħoss ta' bewl)

ĦABIB 2 — Qiegħed intiegħmha wkoll.
PA UBU jidħak.

MA UBU — Ja qatta tradituri, xi tridu mela? Dik hija s-soppa nazzjonali.

PA UBU — Ħa noħroġ ftit. Dalwaqt magħkom. (joħroġ)

MA UBU — Sinjuri, eccellenzi, ejjew nippruvaw il-laħam.

KICOV — Eccellenti.

ĦBIEB — Tassew tajjeb.

MA UBU — Issa ejjew nippruvaw it-torta tat-tiġieġ.

KICOV — Tassew delizjuża. Prosit Ma Ubu.

PA UBU — U issa imisskom tagħtu l-prosit lili. Duqu din. (Jidħol b'xi ħaġa forma ta' qallut, idawwarha magħhom. Kollha jagħtihom ħass ħażin kif imissuha ma' ħalqhom)

MA UBU — Kif, lanqas din m'għoġbitkom. Fejn hi l-imħabba għall-Polonja.

PA UBU — Issa kulħadd barra. Għandi xi ħaġa x'ngħidlek Kicov. U lilek biss. L-oħrajn kollha barra.

ĦBIEB — Imma aħna għadna lanqas biss missejna ikel b'ħalqna.

PA UBU X'għidtli. Ma kiltux. Daqs dak ikel li kien hawn u tgħidu ma kiltux. Barra. (Jibda jfajrilhom)

ĦBIEB/KICOV Ajma. Herġin, ħerġin.

PA UBU (Lil KICOV fil-waqt li jaqbdu minn sħallejh) Mhux int. Int ibqa' hawn għax irrid inkellmek.

ĦBIEB Salvawna minn dal-miġnun.

PA UBU Barra għidtilkom.

ĦBIEB Kulħadd għal rasu ħbieb. Ubu tilef il-boxxla. (joħorġu)

PA UBU Issa li telqu nista' nistrieħ. (Lil KICOV) Ejja 'l hawn int. Allura Sur Kicov, x'dehrlek mill-ikel?

KICOV Ma kienx ħażin kieku, jekk taqta' barra t-togħma tal-ħara u tal-bewl.

MA UBU Intom il-Pollakki dejjem taqbdu ma' xi ħaġa biex tgergru.

PA UBU Jien ngħid għalija, ma sibthiex daqshekk ħażina t-togħma.

KICOV Imma x'tistenna ħanżir bħalek; kollox jinżillek; l-aqwa li timla żaqqek.

PA UBU Imm'issa ħażżina minn dan. Kicov, iddecidejt li nagħmlek Duka ta' Litwanja.

KICOV Min, int Sur Ubu? Mela int għandek sold fuq xiex taħlef?

PA UBU Bl-għajnuna tiegħek, u bl-għajnuna ta' l-għażiża marti, ftit ieħor se nkun qiegħed imxaħxaħ poġġut fit-tron tal-Polonja.

KICOV (lill-Udjenza) Dac-cuc se joqtol lir-Re Kovskovicc.

PA UBU (lill-Udjenza) Dac-cuc mhux cuc daqs kemm jidher cuc. Fehemni mill-ewwel.

MA UBU (lill-Udjenza) Dac-cwiec ħa jdumu jitkellmu waħedhom qishom boloħ. Jek:

KICOV Jekk għandek xi ħsieb li toqtol lil Kovskovicc, għoddni miegħek. Ngħid għalija, qatt ma kelli grazzja miegħu, u ili bix-xewqa li ntajru min-nofs. L-għajnuna ta' sħabi tista' torbot fuqha wkoll. Dawk jagħmlu li ngħidilhom.

PA UBU (fil-waqt li jipprova jgħannaq lil KICOV) X'ma nħobbux lill-għażiż Kicov tiegħi.

KICOV (jimbuttah) Puff x'riħa għandek. X'intejjen għandek fuqek. Mela qatt ma tinħasel u tbiddel qalziet ta' taħt?

PA UBU Kultant.

MA UBU Qatt! Kieku qatt ra naqra ilma.

PA UBU Mela ma tafx li l-ilma ogħla mill-whisky.

KICOV U fil-Polonja l-ilma l-istess togħma tal-whisky.

MA UBU Imma wara li jinħasel fih Pa Ubu, l-ilma jsir togħma ta' birra qarsa.

PA UBU Imbiccrek jien jekk tgħid kelm'oħra. Aħjar tmur issib professur forsi jbiddillek wiccek. Kieku għandi wiccek ili li mort naqbeż. (Pawsa) Ftiehmna mela. Għalissa daqshekk. Naħlef fuq ras marti l-għażiża (jaqbadha bil-goff minn għonqha) li hekk kif iseħħilna dan il-ħsieb nagħmlek Duka ta' Litwanja. (KICOV jitlaq)

MA UBU Qed tifgagħni.

PA UBU Oqgħod bi kwietek, anġlu sbejjaħ tiegħi, għax jekk jimxi kollox sew, għada jkolli kuruna bid-deheb mastizz xi npoġġi fuq dik ir-ras sbejħa tiegħek.

MA UBU (taqa' fl-art) U jekk nafek sew, qabel, tkun poġġejt kuruna ikba[illegible] fuq dik ir-ras kbira tiegħek.

PA UBU (jgħajjat) Messaġġier.

MESSAĠĠIER (jidhol [illegible]) Polski Kumpanija Messaġġi, P.K.M. għad-disposizzjoni tiegħek. Ix-xewqat tiegħek huma l-ordnijiet tagħna. Kull ordni tiegħek isseħħ f'kemm ili ngħid. Il-messaġġi jaslu f'leħħa ta' berqa .... [illegible] qatt ma rajt.

[illegible]UBU [illegible] għand ir-Re Kobskovicc ... (MESSAĠĠIER joħroġ [illegible]) Madonna kemm huma cwiec dawn il-qatta xjuħ tal-[illegible]. Qalbhom tajba, imma jaħasra cwiec. (MESSAĠĠIER [illegible]ħol, xipli) Mur għand ir-Re Kovskovicc u għidlu li Pa Ubu jixtieq jonorah bil-presenza tiegħu. (MESSAĠĠIER joħroġ u jerġa' jidħol) Int imsejjaħ li tidher quddiem ir-Re Kovskovicc mill-aktar fis possibbli.

PA UBU Dak kif wieġeb daqshekk malajr. Żgur induna. (panikuż)

Qabduni. Daqshekk għamilt ħaj. X'waħda din. X'biċċa ġratli. Dan kollu tort tiegħek. Int ġennintni biex nagħmel dan kollu. Min jaf x'hemm jistennieni. Min jaf x'kartig'hemm imħejji għalija. Jien allerġiku għas-swat, itellagħli ġismi xewk xewk. Żgur jaqtgħuli rasi barra, jixwuwni ħaj.

MA UBU    Zalzett bil-bajd u ross kemm trid.

PA UBU    Oh San Ġuda Taddew, patrun ta' l-impossibli u l-għeġubijiet kbar, Oh Santa Rita, għinuni, farrġuni f'dan il-mument hekk ta' sogħba għalija. Miskin jien. Mejjet jien.

MA UBU    U aqtagħha ja beżżiegħ.

PA UBU    Għalfejn qed nibża'. Inwaħħal fik u f'Kovic. Ngħidlu li intom komplici u daħħaltuni f'din il-biċċa, bla ma kont naf.

MA UBU    Ixxewwicc ta' fidil għandek., [illegible]

PA UBU    Jaqbilli ndabbar rasi kif għadni biċ-ċans.

MA UBU    Jambicca ta' broxk imnittef, hekk għandek tagħmel ... Jekk tikxifni ma tibqax tiekol zalzett oħxon mill-ifjen.

PA UBU    M'għandix bżonn zalzett oħxon. Għandi lilek biżżejjed.

MA UBU    Jekk jien zalzett, int mazzita. Ejja 'l hawn .... (<u>Jibqgħu ħerġin 'il barra wara xulxin</u>)

<u>IT-3 XENA</u>

<u>Fil-Palazz tar-Re KOVSKOVICC. PESISOSLAV, it-tifel tiegħu, KICOV.</u>

KOVSKOVICC    Għażiż ibni Pesisoslav, kull ma għandi għad, jum wieħed ikun kollu tiegħek.

PESISOSLAV    Jien rota rrid, bil-gerijiet.

KOVSKOVICC    Għad ikollok ir-roti kollha tal-pajjiż f'idejk ibni. Issa ħallik mill-logħob u arani sew ħalli titgħallem kif għandek timxi bħali.

PESISOSLAV    (<u>Jimita l-mixja batuta ta' missieru</u>) U għax għandi nimxi qisni zopp, mhux biżżejjed għandi l-viżta ta'

seqer ... werc, nisma' daqs disk jockey .... mela veru kull ma għandek se nirtu, bil-mankamenti tal-familja rjali b'kollox.

KOCOV Tkunx kiefer ma' l-għażiż missierek, għażiż princep, ma tafx dak kemm tuġgħu malajr qalbu.

PESISOSLAV Imma dak għax meta kien żgħir ma kienx irażżan għajnejh u wisq anqas idejh ...

PA UBU (jidhol jigri) Mhux jien kont. Ha ngħidlek, għażiż maħbub Re tiegħi, mhux jien kont. Jien qatt ma nasal li nagħmel bcejjec bħal dawn. Emminni. Il-mara tiegħi u Kicov ħasbu kollox. Naħliflek fuq ras il-mara tiegħi li jien ma kellix x'naqsam f'din il-bicca. Qed ngħidlek jien ma naf b'xejn.

KOVSKOVICC Xi ġralek għażiż Ubu. Kemm tidher eccitat. Jaqaw qed tħossok xi naqra ma tiflaħx.

KICOV (joqros lil UBU) X'ma jiflaħx. Dak iħobb il-qatra. Pero teħodhiex kontrieh, Sire, qed jaħdem iżżejjed, għadu kemm ġej minn gwerra twila ġo Franza, għadu ma straħx biżżejjed. (jiġbidlu widnejh, jagħtih bis-sieq)

PA UBU (jinduna) Xrobt ħafna imbid Franciż qabel ġejt. Ridt niccelebra ... qed inħossni ftit stordut.

KOVSKOVICC Mela bħali. Ubu, minħabba s-servizz kbir li tajtni dan l-aħħar bħala kaptan tal-kavallerija, iddecidejt li naħtrek Konti ta' Sandomir.

PA UBU Oh Sire, m'għandix kliem biex infissirlek x'qed inħoss f'qalbi bħalissa.

KOVSKOVICC Qis li tkun preżenti għall-parata li se ssir għada f'ġiehek.

PA UBU L-unur huwa biss tiegħi Sire. Hemmhekk issibni Sire. Sadanittant accetta din is-suffara ckejkna, magħmula mill-ifjen plastik, bil-kuluri ta' snienek imperjali bħala turija ta' l-apprezzament tiegħi.

KOVSKOVICC (lill-Udjenza) U jien x'nagħmel biha suffara? (lil UBU) Niżżik ħajr, Pa Ubu, pero ma nafx x'naqbad nagħmel biha?

| | |
|---|---|
| PA UBU | (<u>lill-Udjenza</u>) Kont ser ngħidlek x'taqbad tagħmel biha ... (<u>lir-Re</u>) Għax ma .... ttiħiex lill-għażiż ibnek ... |
| PESISOSLAV | (<u>lill-Udjenza</u>) Għax ma ddaħħalhiex f'widnejk. (<u>lil PA UBU</u>) Grazzi ħafna nobbli Ubu, dejjem xtaqt li jkolli xi ħaġa xi ndaħħal f'ħalqi u nonfoħ. |
| PA UBU | U issa Sire, se jkolli nħallik għax għandi x'nagħmel qabel jasal għada. (<u>PESISOSLAV joħroġ siequ</u>) Ajma ħaqq il-qaħbec. |
| PESISOSLAV | Weġġajt, għażiż nobbli Ubu. (<u>Jgħinu jqum</u>) |
| PA UBU | Grazzi, tassew int qalbek tajba. (<u>lill-Udjenza</u>) Imma xorta waħda xejn m'hu se jżommni milli neqred lilek u lir-Re minn wiċċ id-dinja u neħdilkom postkom. |

<u>IR-4 XENA</u>

<u>Id-dar ta' UBU. Preżenti hemm UBU u l-mara, KICOV u SHABU.</u>

| | |
|---|---|
| PA UBU | Alluri sinjuri u sinjuri, għeżież semmiegħa u spettaturi, ħbieb tal-qalb u ħbieb tal-qalba, insomma, fil-qosor, għeżież tradituri. Kif tafu llum inġbarna hawn, ġbartkom hawn, biex ilkoll flimkien nikkonfoffaw u nippjanaw bir-reqqa, fis-saħna tal-lejl, kif se nagħmlu biex neħilsu mir-Re Kovskoviċċ. Ejjew immela kull wieħed minna jagħti l-fehmiet tiegħu, iżda jekk ma jimpurtax għalikom u bil-permess tagħkom, nixtieq li nibda jien, bħala bniedem ġenwin, u ġeneruż u qalbu tajba u bniedem ta' min jorbot fuqu, u li lest li jieħu l-mewt għal sħabu .... <u>KULHADD jonfoħ</u>. |
| PA UBU | Bħala bniedem nobbli u kuraġġuż, suldat qalbieni u ..... <u>KULHADD jonfoħ</u>) u fl-aħħarnett, bħala l-bniedem li ser igawdi l-iktar bil-mewt tar-Re .... |
| KULĦADD | Aqlagħha! Ibda ..... |
| PA UBU | Sewwa. Mela la intom qbiltu li għandi nibda jien ... jien ta' l-oppinjoni li nivvalenawlu l-ikel bil-valenu. |
| KULĦADD | Boo. Mill-agħar. Bla ġieħ. Qalbek ħażina. Xierfa. |

PA UBU Kif? Ma togħġobkomx din l-idea? Sewwa wisq. Mel' ejjew nisimgħu x'għandu x'jgħidilna Kicov.

KICOV L-idea tiegħi hi li delitt bħal dan m'għandux iħammrilna wiccna. Valenu fl-ikel huwa t-triq tal-beżżiegħa, hija t-triq li kapaci jeħodha kulħadd. Qisek qed tagħmel xi bomba wara xi bieb per eżempju, jew taħraq xi post tax-xogħol. Jien inħoss li dak in-naqra demm tridu. Għax delitt mingħajr naqra demm x'jibqa' minnu. Hu mill-Imperaturi l-kbar. Kważi kollha hekk ġew maqtula, b' ħafna dmija u kuluri. Jekk qed niżbalja ikkoreġuni.

SHABU Sewwa qed tgħid.

KICOV Fi ftit kliem, jien nissuġġerixxi li għandna ncartuh min-nofs.

SHABU Prosit. Hekk aħjar. Hsieb aktar nobbli. Naccettaw.

PA UBU U min se jwettaq delitt faħxi bħal dan?

KULHADD Int!

PA UBU Li mhux għax nibża' kont naccetta imma jien fejn jidħol il-periklu jitlagħli ġismi kollu ponot.

KICOV Mhux int se takkwista t-tron tal-Polonja. Allura xieraq li twettqu int.

PA UBU Ma togħġobnix. U jekk ixejjirli daqqa ta' sieq. Ma tafux li għall-Parata jħobb jilbes żarbun tal-ħadid, u emmnuni, tassew iweġġa'. Dan kollu nkwiet żejjed għalija u l-inkwiet itellagħli ġismi kollu dbabar ħomor. Li kieku mhux għax tassew għandi bżonnkom, kieku diġa ħriġt ix-xabla u qaccattilkom raskom kollha.

MA UBU Traditur. Maħmuġ. Beżżiegħ.

KULHADD Abbassu Pa Ubu.

PA UBU (<u>ixejjer ix-xabla</u>) Aqtgħuha għax nikxifkom kollha.

MA UBU Ma tkunx l-ewwel darba li tipprova.

PA UBU Mela sewwa. Nagħmel kif tridu intom. Nieħu r-riskju jien għalikom. Mela x-xogħol tiegħi se jkun li nħallih mgħarraq f'demmu.

KICOV Mhux aħjar kieku naqbżu lkoll fuqu, u fost ħafna twerżieq, ġenn u demm, innifduh f'daqqa.

PA UBU — Ħa ngħidilkom x'nagħmlu. Kif inkun ħdejh, nara l-
l-Parata, nipprova nitlagħlu fuq saqajh. Naturalment, huwa jipprova jpattihieli billi jxejjirli daqqa ta' sieq, u kif jagħmel dan, jien ngħajjat HAQQ GHAL QAHBEC, u dak ikun is-sinjal biex intom titilgħu qaqocca għalih u tħanxrulu l-gerżuma.

MA UBU — Fl-istess ħin inti teħodlu l-kuruna u tpoġġiha fuq rasek.

KICOV — U aħna, jiena w sħabi, nibqgħu sejrin wara l-bqija tal-familja tiegħu biex nerirquhom kollha.

MA UBU — Togħġobni, tafx, togħġobni.

PA UBU — U oqgħod attent minn Pesisoslav, għax ismu miegħu, ckejken, ma fih xejn, imma għandu stonku ta' bagħal. Iħabbatna sejjer jekk ma neħilsux minnu.

KICOV — Tiegħu ħsieb xejn. Mela għal għada.

<u>Ikunu se jitilqu 'l barra. PA UBU jżommhom.</u>

PA UBU — Stennew, ħaqq għal qaħbec, stennew ftit. Għadna m'aħniex lesti. Insejtu li rridu naħilfu li noqtluh kif inhu biss xieraq; b'dak in-naqra demm, ecc, ecc.

KICOV — Kif nistgħu naħilfu, m'għandniex qassis.

PA UBU — Għal daqshekk. Ħaġa żgħira dik. Għandna 'l Ma Ubu, tippużalna ta' wieħed.

<u>MA UBU fil-għoli, poża ta' qassis.</u>

MA UBU — Mela irrepetu warajja ja qatta cwiec. Aħna naħilfu li lir-Re noqtluh kif inhu xieraq; u li ncarrtuh minnofs b'mod li ma jibqax jingħaraf, li niftħulu rasu ktieb, li nħalluh inixxi d-demm sakemm jiżvina, fl-istess ħin li ma nagħmlulux feriti żejda .....

<u>KULHADD jirrepeti warajha magħha.</u>

PA UBU — Haqq għall-qaħbecc, kemm se ddum iġġebbed fiha. Issa biżżejjed. Amen.

KULHADD — Amen. Viva Ubu.

<u>Joħorġu kollha.</u>

## IL-5 XENA

Fil-Palazz tar-RE qabel il-parata.

KOVSKOVICC — Princep Pesisoslav, dal-għodu kont pastaż ħafna mas-Sinjur Ubu. Naħseb aħjar inħallik warajja li ma terġax twaqqagħli wicci l-art.

PESISOSLAV — Jien lil dak Ubu ma nafdahx saħta .... Ma rajtux x' ħarsa kiefra għandu, x'daħqa kattiva, xufftejh dojoq u snienu sofor ....

KOVSKOVICC — Imma dak mhux tort tiegħu, int tinsulenta 'l ommu qiegħed ....

PESISOSLAV — Imma dik ir-riħa t'għaraq.

KOVSKOVICC — Insomma qatt m'hu se nasal li nbiddel fehmti. U issa aqtagħha għax qed iddejjaqni bil-paroli vojt tiegħek.

PESISOSLAV — Nagħmel kif trid int mela missier. Imma xorta jinten Ubu.

REĠINA — (tidħol) Sire, qed narak imbiddel u lest, tgħidlix li għadek bil-ħsieb li tattendi din il-parata?

KOVSKOVICC — U il-għala m'għandix?

REĠINA — Rajtu f'ħolma, iqum għalik u jcarrtek fi tnejn b'xabla. Rajtu joħodlok il-kuruna minn fuq rasek u jpoġġiha fuq tiegħu.

KOVSKOVICC — Fuq liema raż qed titkellem.

REĠINA — Fuq ras dak il-mostru Ubu.

KOVSKOVICC — U tgħidx ħmerijiet. Ubu hu bniedem nobbli u kuntent jiġi ttorturat bl-eħrex torturi milli jittradini.

PESISOSLAV — Xi żball għandek.

KOVSKOVICC — Ma nridx nisma[illegible]iżjed. Anzi biex nurikom kemm għandi fiducja fih, se nattendi l-parata kif jien, mingħajr xabla u mingħajr xejn.

REĠINA — Ħa tiżbalja bl-ikrah. Oh All tal-ħniena, qatt ma sejra narak iżjed ħaj għażiż tiegħi. Żgur.

KOVSKOVICC — Ejjew miegħi. (Jidħlu wara l-balavostri) Anzi morru hemm wara u ħalluni fil-kwiet.

REĠINA — J'Alla l-Mulej u l-qaddis kbir San Nikola jipproteġuk. Pesisoslav, ejja miegħi fil-kappella ħa nitolbu għal missierek. (jersqu lura)

Jidħol PA UBU

| | |
|---|---|
| PA UBU | Bonġu Sire, kollox sew? Min jaf kemm qed tieħu gost li onorajtek bil-presenza tiegħi. |
| KOVSKOVICC | Għażiż Ubu ta' qalbi, idħol miegħi hawn flimkien ma' sħabek ħalli naraw il-marċ għaddej flimkien. |
| PA UBU | Oqogħdu attenti, ja qatta mbecilli. (Lir-Re) Ġej Sire. SĦAB UBU jduru mar-RE. |
| KOVSKOVICC | Hemm ara, għaddej l-ewwel Reġiment ta' suldati. Xi spettaklu fihom. |
| PA UBU | Hekk taħseb? Qishom ilhom ma jorqdu xi ġimgħa qed narahom jien. U dawk iż-żwiemel nexfin għuda. U dak ta' quddiem, kemm ilu ma jqaxxarha l-leħja? |
| KOVSKOVICC | Imma dak is-suldat li qed tara hu nadif tazza u pulit. Dan kif qed titkellem Sur Ubu? Għalfejn qiegħed tinsulentani? |
| PA UBU | Hekk irrid nitkellem. Hudha ja kelb. (jitla' fuq saqajh) |
| KOVSKOVICC | Tradiment. Ajma l-kallu. Tradiment. |
| PA UBU | HAQQ GĦAL QAĦBEC. Duru miegħi suldati fidili tiegħi. Għalina. |
| SULDATI | X'hiex? |
| PA UBU | (lill-Udjenza) Madonna kemm huma fidili. (lis-SULDATI) Għalina .... jiġifieri imxu mmorru għalih. |
| SULDATI | Fejn? |
| PA UBU | (lill-Udjenza) Santa Vincenza agħtini ftit paċenzja ... Għandu jkun kull min jilbes uniformi ma jibqagħlux moħħ. (lis-SULDATI) Għalih, għar-Re, kif ftehemna il-bieraħ ... tiftakru; jien 'velenu' ... intom 'le' imbagħad Kicov imqattgħu biċċiet u intom mewta nobbli. |
| SULDATI | (imtawla) EEEEEEEE. |
| KICOV | Għalih. Oqtluh. (iduru miegħu u jtuh) |
| KOVSKOVICC | Għajjut, għajjut. Verġni Marija, qed immut. |
| PA UBU | Il-kuruna f'idejja. Issa għall-oħrajn. |
| KICOV | Mewt għat-tradituri. Oqtlu 'l kulħadd, nisa w tfal l-ewwel. Imbagħad jgħidu li l-ħajja ta' suldat hi monotona. |

| | |
|---|---|
| REĠINA | Xi ħaġa tgħidli li kollox għadda b'wicc il-ġid. |
| PESISOSLAV | Għidtlek jien li m'għandikx minn xiex tibża'. (iqum ħafna storbju barra) X'ġara? X'qed nara? Dak Ubu. U dawk il-qatta suldati jiġru warajh. |
| REĠINA | Oh Alla. Verġni Marija. Dawk indunaw x'se jagħmel. Forsi diġa qatlu. |
| PESISOSLAV | Kulħadd qed jiġri wara Ubu. Missieri m'għadux hemm. |
| REĠINA | Miskin żewġi. Għajjut. Għajjut. |
| PESISOSLAV | Kicov kważi laħqu lil Ubu. |
| REĠINA | Dawk ġejjin 'l hawn. |
| PESISOSLAV | Dawk mhux jiġru warajh. |
| REĠINA | Dawk kollha miegħu qegħdin. |
| PESISOSLAV | Qegħdin ikissru l-bieb tal-Palazz. |
| REĠINA | Daħlu, telgħin it-taraġ. |
| PESISOSLAV | Resqin lejn il-kappella. Jikber l-istorbju. |
| REĠINA | (għarkobbtejha) J'Alla l-Mulej jipproteġina. |
| PESISOSLAV | Dak mostru dak Ubu, kieku naqbdu taħt idejja .... |
| PA UBU | U kieku taqbadni taħt idejk Pesiso, għidli x'tagħmilli kieku? |
| PESISOSLAV | Bl-għajnuna t'Alla, niddefendi 'l ommi sal-mewt. L-ewwel wieħed li jagħmel pass 'il quddiem inqaccatlu rasu barra. |
| PA UBU | (jaqbad ma' KICOV) Madonna tal-ħniena, kemm hu feroci. Ma jafx li jien kif nara d-demm jaqbadni attakk qawwi ta' biża'? (lis-SULDAT) Mur int għalih. |
| SULDAT 1 | Pesisoslav cedi. |
| PESISOSLAV | Qatt. Hudha ja kelb. (joqtlu) |
| REĠINA | Prosit Pesisoslav tiegħi, ibqa' sejjer hekk. (Ixejjer ix-xabla tiegħu u jwerwer lil kulħadd) |
| PA UBU | Xorta jien se nirbaħ fl-aħħar mill-aħħar. |
| PESISOSLAV | Ja Omm, aħrab issa kif inhu l-waqt. |
| REĠINA | U int ibni x'se tagħmel? |
| PESISOSLAV | Issa niġi warajk. |

| | |
|---|---|
| PA UBU | Aqbdu r-Reġina qabel taħrab. Ħaqq għal qaħbec ħarbet. Inħallsek sejjer lilek ja ħanżir l-art .... |
| PESISOSLAV | Bl-għajnuna t'Alla, nivvendika ruħi minnek. (<u>itiħ daqqa ta' xabla</u>) Ġej warajk mama. (<u>joħroġ</u>) |
| PA UBU | Mejjet jien. Taqqbuni. Għajjut. Fetħuli moħħi. Min għandu l-wicc jitnejjek bina f'wiccna, suldat, 'Il min se noqtlu? |
| SULDATI | Lil P... Pe .... Pes .... |
| PA UBU | Aqilgħuha! |
| SULDATI | Pesiso .... PESISOSLAV. |
| PA UBU | Għal warajh mela, qalbiena tiegħi. (<u>joħorġu</u>) |
| | <u>IS-6 XENA</u> |
| | <u>Fil-Muntanji. REĠINA, PESISOSLAV</u>. |
| PESISOSLAV | Hawnhekk qegħdin imbegħdin mill-periklu mama. |
| REĠINA | Nispera Pesisoslav għax ma niflaħx iżjed. Żommni ibni. (<u>taqa' fl-art</u>) |
| PESISOSLAV | X'ġaralek għażiża ommi? |
| REĠINA | Inħossni marida għall-mewt, ibni, u wisq nibża' li m'għandix ħajja. |
| PESISOSLAV | Tgħidlix li ħadt xi riħ? |
| REĠINA | Ibni, kemm niflaħ nara iżjed għawġ jaqa' fuqna? Żewġi maqtul; il-familja mifruda u meqruda, x'jonqos iżjed jaqa' fuqna? (<u>taqa' blata</u>) |
| PESISOSLAV | U meta niftakar f'dak il-mingħul ta' Ubu, u kif missieri żejjinlu sidru bil-midalji u kif il-bieraħ stess għamlu konti; u biex ħallsu - neħħielu ħajtu. |
| REĠINA | Oh Pesiso, meta niftakar kemm konna kuntenti qabel .... |
| PESISOSLAV | M'hemmx xejn x'nagħmlu issa. Nistennew u nittamaw li nerġgħu nieħdu dak li hu bi dritt tagħna. |
| REĠINA | Wisq nibża' li dak il-jum sabiħ ma jiena se narah qatt. (<u>tinxteħet għall-mewt</u>) |
| PESISOSLAV | Dan kif qed titkellem mama? X'inhu jagħtik. Intelqet. Madonna verġni xi ġralek. Għajjut. Għajjut. Għalfejn |

qed nghajjat waħdi, qisni l-iblah, m'hawn ħadd jismagħni. Fuq kollox, aħjar ma nghajjat xejn li ma jkunx hawn Ubu fil-viċin u jismagħni. Alla tal-ħniena, qalbha waqfet tħabbat. Mojta. Vittma oħra ta' dak il-bagħal Ubu. (<u>igħatti wiċċu, drammatiku, jibki</u>) Oh Alla x'waħda x'ġratli. Sfajt waħdi fl-eta żgħira ta' erbatax-il sena. X'jibqa' minnek.

<u>Jidħol l-ISPIRTU ta' missieru b'xabla kbira f'idu</u>.

SPIRTU — Qum minn hemm ibni. Ħa din ix-xabla.

PESISOSLAV — Oh. X'qed nara? Dan mhux missieri. Dan żgur xi miraklu.

SPIRTU — U x'miraklu miraklu. Ejja ċċaqlaq mejjet għax dal-liżar qatilni bis-sħana u dix-xabla għodda qalgħetli idi. (<u>PESISOSLAV jieħu x-xabla</u>) Ibni Pesiso, inħalli l-vendetta tal-familja f'idejk. U j'Alla din ix-xabla li qed nagħtik ma ssibx mistrieħ qabel toqtol lit-traditur.

<u>L-ISPIRTU jisparixxi. PESISOSLAV joħroġ mitluf f'estasi</u>.

<u>IS-7 XENA</u>

<u>Il-Palazz. PA UBU, MA UBU, KICOV</u>.

PA UBU — Le, le u LE! Trid tiżbankani.

KOVIC — Imma Sur Ubu, ma tarax li n-nies ikunu qed jistennew xi rigali bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tal-koronazzjoni glorjuża tiegħek?

MA UBU — Jekk ma tqassmilhomx ftit laħam u deheb ma tagħmilx aktar minn sagħtejn oħra b'dik il-kuruna fuq rasek.

PA UBU — Laħam iva imma flus qatt. Ara ssibx xi erba' mogħżiet xirfin u oqtluhom. Ikunu biżżejjed għal dawk il-qatta maħmuġin.

MA UBU — Maħmuġ int. Ma nafx kif bniedem maħmuġ bħalek kellu x-xorti jiġi aċċettat mill-poplu tiegħu.

KICOV — Aċċettawh? Min qallek li aċċettawh. Għall-poplu l-bidla tfisser kemm se jakkwista f'butu.

MA UBU — Mar-Re Ubu did-darba għarralu, għax m'hawn ħadd xeħħieħ daqsu.

PA UBU — Hemm għalfejn nerġa' ngħidilkom li jien, fi ħsiebni nsir sinjur kemm jista' jkun malajr. U int tridni nqassam il-flus! Lanqas sold li hu ċenteżmu.

MA UBU — Tinsiex li għandek f'idejk il-ġid kollu tal-Polonja.

PA UBU — Naf. U naf ukoll li hemm ruxmata minnu moħbi fil-kappella ....

KICOV — Ejja ta' lanqas inqassmu dak.

PA UBU — Hekk għandek tagħmel. Dak issa tiegħi, dejjem f'isem il-pollakki.

KICOV — Tinsiex li jekk ma tqassamx xi flus, ħadd m'hu se jkun irid iħallas it-taxxi.

PA UBU — Dan veru?

MA UBU — Iva iva.

PA UBU — F'dak il-każ naqbel magħkom f'kollox. Ġibu tnejn jew tliet miljun biċċa tad-deheb, ixwu mija w ħamsin baqra u l-istess numru ta' mogħoż, u araw li jibqa' ħafna żejjed għalija għax qed jinfetaħli l-aptit. U għajtu lin-nies inkella 'l min il-qaħbeċ triduni nqassamhom.

_Jidħlu n-nies. PA UBU, MA UBU, u KICOV fil-gallerija._

NIES — Hemm hu r-Re. Viva r-Re. Viva Ubu. Hurrah.

PA UBU — (_jixħet id-deheb_) Hawn ħa ilqgħu. Ix-xwejħa tiegħi għandkom tirringrazzjaw għal dan id-deheb kollu għax li kien għalija ma qassamt xejn. Ta' lanqas wegħeduni issa li t-taxxi tħallsuhom bla tgergir u fil-pront.

NIES — Iva, iva. (_jiġġieldu għad-deheb_)

KICOV — (_eċċitat_) Hares daqsxejn, Sinjura, kif qegħdin jitqatlu għad-deheb. Ara xi ġlieda.

MA UBU — Xi tkexkix. Ara dak kif fetħulu rasu ktieb b'daqqa ta' xabla.

PA UBU — X'dehra sabiħa. Ġibuli iżjed deheb. Qed togħġobni din.

KICOV — Min jaf kieku torganizzalhom tellieqa?

PA UBU — Mhux idea ħażina. (_Lin-NIES_) Ħbieb, suġġetti tiegħi, qegħdin tarawha din il-kaxxa kollha deheb? Fiha tliet mitt elf biċċa, kollha muniti tal-plastik Pollakki

ġenwini. Dawk li jridu jġerru għalihom imorru fit-tarf tal-bitħa. (in-NIES jiġġieldu biex jilħqu l-aħjar post) Issa meta nxejjer il-maktur tiegħi, ibdew iġru u r-rebbieħ jieħu din il-kaxxa deheb kollha. U għat-telliefa hawn kaxxa oħra biex tinqasam bejniethom kollha.

NIES Iva iva. Viva Ubu. M'għandniex Re ieħor bħalu. Viva Ma Ubu.

MA UBU Ismagħhom ftit xi jfaħħruna.

(In-NIES isibu posthom għat-tellieqa)

MA UBU Wieħed tnejn tlieta. Kollha lesti? Kulħadd f'postu?

NIES Iva, iva.

PA UBU (ixejjer il-maktur) Issa.

(Jitilqu) Twerżieq u ġenn.

KICOV Ġejjin ġejjin.

PA UBU Ta' quddiem qed taqa' lura.

MA UBU Ġejja, ġejja.

KICOV Waslet, waslet.

PA UBU Bużokki dieħel l-ewwel.

(BUŻOKKI jirbaħ)

BUŻOKKI Sire, Majesta, ma nafx kif se naqbad nirringrazzjak. Xejn, għażiż fidil tiegħi. Aqbad din il-kaxxa u itlaq biha lejn id-dar Bużokki. U l-oħrajn aqsmu bejnietkom il-kaxxa l-oħra; ħudu bicca deheb kull wieħed sakemm ma jibqa' xejn.

NIES Viva Bużokki. Viva Ubu.

PA UBU Kollha kemm intom, ħbieb fidili tiegħi, ejjew miegħi ħa tieklu. Il-bibien tal-palazz tiegħi huma miftuħa llum, nitlobkom tonorawni bil-presenza tagħkom mal-mejda.

NIES Ejjew immorru. Viva Ubu.

Toħroġ il-mejda.

MA UBU Poplu tagħna, x'se nieklu?

NIES Soppa tal-Qargħa Aħmar, Minestra u Ross il-forn
Torta tal-lampuki taħlita makku w tonn.
Ross bil-fwied tal-fenka ravjul timpana w stejk
bebbux, pixxispad mixwi ftajjar tal-frawli w kejk.

Trilju bir-ross mgħolli Zalza tal-bringiel
Patata l-forn bil-laħam li bħalhom ħadd ma kiel.
Tiġieġa fl-imbid abjad Tiġieġa la Maltija
Tiġieġa bil-patata tiġieġa mimlija.
Falda, fenkata, jelly tal-laring
Pasti, Pastizzi, braġoli u braġjolin
Biex imbid tal-għenba, fih għenba kull flimkun.
KULĦADD jispicca wara l-mejda.

IT-8 XENA

Wara l-ikla.

PA UBU — Ajma x'uġigħ ta' żaqq għandi. Ma jmissnix tħanżirt daqshekk. Qed inħossni mimli gass u jekk ma żżommx 'il bogħod minni se jiddispjacik.

MA UBU — Uff x'riħa. Ersaq 'l hemm. X'sar minnu d-Duka ta' Litwanja? Xejn ma rajtu waqt l-ikla.

PA UBU — Id-Duka ta' Litwanja? Dan min jaħbat?

MA UBU — Naturalment, il-kaptan Kicov.

PA UBU — F'ġieħ is-sema, mara, ssemmix iżjed dak il-brigant! Issa m'għandix bżonnu iżjed, għalija jista' jmur jitnejjek (biex ma ngħidx kelm'oħra).

MA UBU — Qed tiżbalja bil-kbir Ubu. Jekk tagħmel hekk idur kontriek.

PA UBU — Niġi naqa' w inqum x'jagħmel. Mhux se nibża' minnu. Għalija jista' jmur jaqbeż u jieħu 'l Pesisoslav miegħu.

MA UBU — U attent minnu Pesisoslav. Għad trid terġa' tisma' bih.

PA UBU — U x'jista' jagħmilli bicca ta' tifel.

MA UBU — Li kont minnek nipprova nara kif nirranġa miegħu. Nibgħatlu xi rigal biex nagħmlu paci.

PA UBU — Mela x'nagħmel? Noħroġ aktar flus. Lanqas b'xejn. Mhux biżżejjed diġa ġegħltni nberbaq żewġ miljuni fix-xejn.

MA UBU — Agħmel li trid. Ubu, qed inwissik, ħa jiddispjecik.

PA UBU — U jekk jiddispjecini jien ma jiddispjecikx int ukoll?

MA UBU — Tinsiex li Pesisoslav huwa t-tajjeb f'din l-istorja.

PA UBU — U aħna l-ħżiena, allura?

MA UBU — Pesisoslav għandu s-sewwa miegħu.

PA UBU — Pesisoslav jidħol bis-sewwa u jien noħorġu bid-dnewwa.

MA UBU — Kif kienet tgħid il-bużnanna Alla jaħfrilha, 'Bis-sewwa jew bid-dnewwa, l-aqwa li jidħol ġewwa'.

PA UBU — U kif kien jgħid il-bużnannu, alla jaħfirlu, 'Id-dinja rata ... xi ħaġa fus, kif se ngħaddi mingħajr flus?'

MA UBU — Mingħajr flus la tgħannaq u lanqas tbus.

PA UBU — U tgħid mhux se nbus lilek.

MA UBU — Jien lilek mhux ngħannqek nixtieq imma ngħallqek.

PA UBU — Għax jien lilek nixtieq nindurak bid-deheb.

MA UBU — Daqs kemm baqagħlek deheb issa.

PA UBU — Mhux tort tiegħek. Mhux int għidtli 'Agħmillhom festa ħalli jħallsu t-taxxi.

MA UBU — Imma dik kulħadd hekk jagħmel. L-ewwel il-poplu jżiegħel bih, imbagħad toħroġ in-nerv u ccaqcaqlu tnejn bih.

PA UBU — Togħġobni. Ġibuli n-nerv ħa noqgħod incaqcaq.

MA UBU — Imma jaħasra kemm int basla. U billi ssawwathom bin-nerv int x'se tieħu?

PA UBU — Sodisfazzjon kważi sesswali.

MA UBU — U flus xejn.

PA UBU — Ballec. Af li għandek raġun. Mela x'nagħmel?

MA UBU — Int trid issawwathom b'mod li mhux talli ma jqumux għalik, talli jcapcpulek kull darba li ttihom daqqa.

PA UBU — Naf li hawn nies cwiec, imma mhux daqshekk.

MA UBU — Int kull ma trid tagħmel huwa li tgħidilhom li l-pajjiż, anzi d-dinja, għaddejja minn kriżi u hemm bżonn li kulħadd jagħmel sagrificcju, jiġbed ħabel wieħed, ecc, ecc.

PA UBU — Togħġobni. (jgħajjat) Messaġġier!

<u>Jidħol jiġri MESSAĠĠIER</u>.

MESSAĠĠIER — Polski Kumpanija Messaġġi. P.K.M. għad-disposizzjoni tiegħek. Ix-xewqat tiegħek.....

PA UBU Għajjat 'il-fqar.

MESSAĠĠIER Fqar! (joħroġ)

Il-FQAR joħorġu minn wara l-mejda.

PA UBU Għandi dikjarazzjoni ufficcjali importanti ... ufficjali għax importanti u importanti għax ufficjali. (lill-Udjenza) Kemm hu sabiħ titkellem tqil, facli timpressjona. (lill-FQAR) Minħabba l-kriżi ekonomika kulħadd se jkollu jiġbed il-qafla ta' madwar ħżiemu (lill-Udjenza) għax dawn jekk tgħidilhom cintorin lanqas jifhmuk.

(Il-FQAR jiġbdu l-qfieli ta' madwarhom)

MA UBU Le ġdur ... dak mhux hekk irid ifisser. Dawk qed jgħadduna biż-żmien.

PA UBU Taparsi ma fhimtux hux. Mela ħa ngħidilkom car u tond. It-taxxa doppja u ġej niġborha jien. (joħorġu)

ID-9 XENA

Dar fqira. FQAR miġburin.

FQIR 1 Smajthom l-aħbarijiet? Ir-Re mejjet, u anki l-familja rjali; Pesisoslav kellu jaħrab flimkien m'ommu lejn il-muntanji; u Pa Ubu ħataf il-poter taħt idejh.

FQIR 2 Jien għadni kemm ġejt minn Krakaw. Rajthom għaddejin bl-iġsma tal-mejtin. Smajt li Pa Ubu jrid jirdoppja t-taxxi u biex jagħmel żgur li ħadd ma jfottih ħa jdur personalment hu biex jiġborhom.

FQIR 3 Oh Alla tal-ħniena. X'se jsir minna lkoll. Pa Ubu huwa annimal feroci u jgħidu li martu daqsu mostruża.

FQIR 1 Kwieti. Donni qed nisma' 'l xi ħadd iħabbat mal-bieb.

PA UBU (minn barra) Iftħu. Nordnalkom tiftħu f'isem San Ġwann, San Pietru, San Nikola u z-zokk li għandi f'idi. Ġejt biex niġbor it-taxxi.

PA UBU jidħol b'SULDAT warajh iġorr karretta)

PA UBU — Min huwa l-ixjeħ fostkom. (WIEHED jersaq 'il quddiem) X'jismek?

EJKAVICC — Ejkavicc.

PA UBU — Ismagħni tajjeb immela. Ara kif tkellimni u oqgħod attent x'se ngħidlek jekk ma tridx li nqaccatlek rasek barra. Mela ismagħni u toqgħodx tirrispondini!

EJKAVICC — Imma Eccellenza, għadni m'għidtx kelma.

PA UBU — Sewwa mela. Għandi ngħarrafkom li ġejt hawn biex niġbor personalment il-flus kollha l'għandkom fuqkom għax inkella nqacctilkom raskom barra issa stess. (lil SULDAT) Ressaq il-karretta 'l hawn.

EJKAVICC — Sire, fuq ir-reġistru aħna mniżżlin li rridu nħallsu mija u tnejn u ħamsin xelin, li għandek tkun taf li diġa ħallasna sitt ġimgħat ilu.

PA UBU — Jista' jkun imm'issa li nbidel il-gvern u b'din il-bidla kontu avżati fil-gazzetta tal-gvern, it-taxxi preżenti jridu jiġu mħallsin darbtejn, u xi oħrajn li bħalissa ma jistgħux jiġuni f'moħħi tliet darbiet. B'din is-sistema, ħa nsir sinjur malajr, imbagħad noqtol 'il kulħadd u naħrab bil-flus.

FQAR — Ħniena Sinjur Ubu, ħniena minna. Aħna nies fqar u semplici.

PA UBU — Semplici forsi, imma xi ħaġa tal-flus dejjem issibilkom.

FQAR — Lanqas biex nitimgħu liż-żgħar tagħna m'għandna.

PA UBU — Għala biebi, ħallsu.

FQAR — Imma mhux sew, diġa ħallasna.

PA UBU — Ħallsu qed ngħidilkom jew inġegħlkom tħallsu mod ieħor. Tortuni: tgħawwiġ ta' l-għonq, tiġbid tar-riġlejn u d-dirgħajn, qtugħ, ecc, ecc. Haqq għal qaħbecc, jewwilla mhux jien ir-Re tagħkom, mhux jien nikmanda. Jidħol MESSAĠĠIER.

MESSAĠĠIER — Polski Kumpanija Messaġġi. P.K.M. għad-disposizzjoni tagħkom. Ix-xewqat tagħkom ...

KOLLHA — Aqlagħha!

MESSAĠĠIER Telegramma mingħand il-Princep Pesisoslav. Indirizzata lill-fqar tal-Polonja.

EJKAVICC Isa, aqralna, għax aħna ma nafux.

MESSAĠĠIER Żomm waħda ... Min se jiffirmali.

EJKAVICC Jien ma nafx nikteb pero naf nagħmel salib.

MESSAĠĠIER Mhux biżżejjed. Hawn xi ħadd jaf il-kredu?

FQAR Mhux kollu.

MESSAĠĠIER Orrajt .... is-salib! (<u>KULHADD irodd is-salib</u>) Mela, il-messaġġ tal-Princep Pesisoslav jgħid hekk: Ħuti fqar, iccedulux 'l dak il-ħanżir imqaxxar ta' (<u>lil UBU</u>) bir-rispett kollu, Pa Ubu. Tħallsux it-taxxi u qumu għalih, Tinsewx li jien dejjem magħkom. L-aħħar bicca ma nistax naqraha.

FQAR Għalihom l-aħwa. Viva Pesisoslav. Abbassu Ubu.

<u>PA UBU u SULDAT joħorġu jiġru bil-fqar warajhom.</u>

MESSAĠĠIER Ku, nu ... Kunu ...

<u>Jidħlu l-fqar u PA UBU jxejjer mannara warajhom. Joħorġu.</u>

MESSAĠĠIER M, B, E, MBE, R, K, I, RKI, N MBERKIN. Eh kunu mberkin. Hawn m'hawn ħadd.

<u>PA UBU jidħer jiġri wara KICOV. Jaqbdu minn widnejh. Jitfgħu fic-cella.</u>

PA UBU Allura cittadin, tidher li qiegħed f'basla mhux ħażin. Ridtni nagħtik dak li hu tiegħek u għax ma ridtx malajr ikkonfoffajt kontrija u fejn spiccajt b'dan kollu? Jaħasra. Marbut mal-ktajjen. (<u>jidħak</u>)

KICOV Oqgħod attent Ubu. F'dawn il-ħamest ijiem li ilek Re għamilt iżjed ħniżrijiet milli wieħed jieħu biex jisħet il-qaddisin kollha fil-Ġenna. Id-demm tal-familja Rjali qed titlob vendetta.

PA UBU Min qed jitlob. Għal xiex? Ħabib tal-qalb, ma niddubitax li jekk jirnexxielek tiżgiccali, ħa tagħmilli l-affarijiet daqsxejn ibsin. Imma sa fejn naf jien minn hawn għadu ħadd ma ħarab. Allura, fil-waqt li nagħtik

il-lejl it-tajjeb nixtieqek torqod kemm tiflaħ għalkemm aħjar inwissik li l-ġrieden bil-lejl iħobbu joħorġu jgerrmu xi ħaġa. Gwardjan! Għaġġa miegħu!

Jidħol GWARDJAN. UBU joħroġ.

GWARDJAN Kemm?

KICOV Kemm trid.

GWARDJAN Twegħdni.

KICOV Daż-żgur.

GWARDJAN Tajjeb, newwel.

GWARDJAN jiftaħlu. KICOV jaħrab jiġri.

GWARDJAN U tinsiex tibgħatli kartolina mir-Russja.

## IT-TIENI ATT

### L-1 XENA

Palazz. PA UBU, MA UBU, ONZI (qassis), 4 NOBBLI, IMĦALLFIN, FINANZIERI, SILDATI, ecc.

PA UBU — Oħroġ il-kaxxa għan-nobbli, il-frosta għan-nobbli, il-ktieb tal-kontijiet tan-nobbli, u fl-aħħarnett oħroġ lin-nobbli nfishom.

(Joħorġu 4 NOBBLI marbutin ma' xulxin)

MA UBU — F'ġieħ il-ħanin Alla rażżan lilek innifsek Ubu.

PA UBU — Sinjuri, għandi l-unur ninfurmakom li bħala ġest għat-tkattir ekonomiku tiegħi innifsi iddecidejt li neqred in-nobbli kollha u nikkonfiskalhom il-ġid tagħhom.

NOBBLI — Suldati w cittadini, iddefenduna w salvawna, nitolbukom, minn dan il-mostru.

ONZI — Dawk li jinstabu ħatja naturalment tinqatagħlhom għall-mewt, u billi ma jkunux fil-grazzja t'Alla, mhux sew li qrabathom jiccappsu bi flus, deheb u ġid li jkun moralment imniġġes. Sew qed ngħid, majesta?

MA UBU — Daż-żgur. Kompli Monsinjur Onzi.

ONZI — Allura, aħna fl-imħabba bla tarf tagħna sejrin nieħdu għalina dawn il-flus imniġġżin u nużawhom.

PA UBU — Ma tieħdu għalikom xejn. Aħna se nieħdu għalina, u mhux fi ħsiebna nħallu xejn għal ħadd.

ONZI — U iva, majesta, aħna mhux f'sodda waħda norqdu.

PA UBU — Ressquli l-ewwel wieħed. (jersaq NOBBLI 1) Int x'jismek balalu?

NOBBLI 1 — Konti ta' Vite.

PA UBU — Il-ġid tiegħek?

NOBBLI 1 — Tliet miljun bicca tad-deheb.

PA UBU — Bla dubbju ħati. Eccellenti. Eccellenti. Tliet miljun bicca tad-deheb. Għall-ħofra.

MA UBU — X'ħażen x'kilba għad-demm.

PA UBU — (Lil NOBBLI 2) Int x'jismek, għaġeb ta' l-għoġġieba.

| | |
|---|---|
| NOBBLI 2 | Duka ta' Kurlandja u tat-tlitt ibliet ta' Riga, Ravel u Mitaw. |
| PA UBU | Tajjeb ħafna. Żgur li kollox semmejt? |
| NOBBLI 2 | Kollox Sire. |
| PA UBU | Naturalment ħati. Għall-ħofra. It-tlieta wieħed! |
| NOBBLI 3 | Princep ta' Podolja. |
| PA UBU | Dħul? |
| NOBBLI 3 | Fallut. |
| PA UBU | Ma jmissikx tisthi. Dan hu nuqqas ta' rispett; tiġi quddiemi b'idek vojta. Għall-ħofra. Ir-raba' wieħed. X'jismek? |
| NOBBLI 4 | Konti ta' Polokk. |
| PA UBU | Mhux wisq. Dak kulma int? |
| NOBBLI 4 | Għalija biżżejjed u kuntent b'li għandi. |
| PA UBU | Kuntent b'li kellek trid tgħid. Aħjar minn xejn. Għal isfel ukoll. X'inhu jdejqek Ma Ubu? |
| MA UBU | Qed narak wisq għatxan għad-demm. |
| PA UBU | X'nitnejjek jien. L-aqwa li qed insir sinjur. Monsinjur aqrali naqra l-lista kollha tat-titli u d-dħul il-ġdid tiegħi. |
| ONZI | Princep ta' Podolja, Duka ta' Kurlandja, Riga, Ravel u Mitaw; Konti ta' Vite, Konti ta' Polokk. |
| PA UBU | Kompli. |
| ONZI | Dak kollox. |
| PA UBU | X'iġifieri dak kollox. (<u>Lis-SULDATI</u>) Sejħu lin-nobbli kollha, oqtluhom u ikkonfiskawlhom kollox. U ħaffu. Ħaffu. U issa jmissni li ngħaddi xi liġijiet. Onzi, aqrali waħda li se nbiddel. |
| ONZI | L-ewwelnett, xi riformi dwar il-kodici tal-ġustizzja u wara ngħaddi dritt fuq affarijiet ta' natura finanzjarja. |
| IMHALLEF 1 | Ma naqblux li għandu jkun hemm bidla. |
| IMHALLEF 2 | Aħna rridu li kollox jibqa' kif inhu. |
| IMHALLEF 3 | Aħna kontra kull tibdil. |
| IMHALLEF 4 | L-aħjar li jibqa' kollox l-istess. |

PA UBU Haqq il-ħara mela li tgħidu intom. L-ewwel ma ħa naqtagħlkom hu s-salarju.

IMĦALLEF 1 (imbikkem) U kif se ngħixu.

IMĦALLEF 2 Aħna lkoll fqar.

IMĦALLEF 3 Min se jitma lix-xufier u lis-seftura?

IMĦALLEF 4 Kif se nobqa' mmur nixrob il-Każin Polakk.

PA UBU Għixu bil-multi u bil-ġid ta' dawk li taqtgħuhielhom għall-mewt.

MĦALLEF 1 Mostruża.

MĦALLEF 2 Mhux sew.

MĦALLEF 3 Ma nistgħux naqblu miegħek.

MĦALLEF 4 Tan-nejk.

IMĦALLFIN Nirrifjutaw li naqdu dmirijietna ta' mħallfin taħt kundizzjonijiet bħal dawn.

PA UBU Għal ġol-ħofra l-imħallfin kollha. M'għandix bżonnhom.

MA UBU X'int tagħmel Pa Ubu? Min se jamministra l-ġustizzja issa?

PA UBU Jien naturalment. Issa tara kemm immorru tajjeb l-affarijiet għażiża tiegħi.

MA UBU Aqta' kemm se mmorru tajjeb. Balbuljata sħiħa.

PA UBU (jiġri warajha bil-frosta) Aqtagħha għax inqattgħek biċċiet.

ONZI Sinjuri issa ngħaddu għall-affarijiet finanzjarji.
(Jidħlu l-FINANZIERI)

FINANZIERI M'hemmx għalfejn tbiddel xejn. Mhux aħjar kieku ma tbiddel xejn?

PA UBU Kif jista' jkun. Nixtieq inbiddel kollox. L-ewwelnett nixtieq nitfa' dritt f'bmti nofs it-taxxi li jinġabru.

FINANZIERI Ma naqblux. Le, ma jistax ikun. L-affarijiet mhux hekk imorru.

ONZI Sinjuri, hemm bżonn inwaqqfu taxxa ta' għaxra fil-mija fuq il-propr ġeta; oħra ta' ħmistax fil-mija fuq l-industriji u għoxrin fil-mija fuq iż-żwiġijiet ul-funerali.

FINANZIERI Imma redikola li qed tgħid Sire. Assurda. Ma tagħmilx sens.

PA UBU Naqtagħkom qed tipprruvaw titnejku bija. Kollha kemm intom għal ġol ħofra. Jien sejjer nimtedd ftit għax dal-ħafna qtugħ ta' ras qabbadni uġigħ ta' ras.

MA UBU Sire, ir-rejijiet mhux suppost jimxu hekk. Qed teqred id-dinja kollha ftit ftit.

PA UBU U x'niġi naqa' w inqum jien! (joħroġ)

ONZI Daqshekk ġustizzja. Daqshekk sistemi finanzjarji.

MESSAĠĠIER (jidħol jiġri) Daqshekk Kicov.

PA/MA UBU (jerġgħu jidħlu jiġru) X'għidt?

MESSAĠĠIER Polski Kumpanija Messaġġi P.K.M.

ONZI X'għidt!

MESSAĠĠIER Għidt. P.K.M., li tfisser Polski Kumpanija Messaġġi dejjem għad-disposizzjoni ....

PA/MA UBU Ftiehma. Biżżejjed. X'għidt qabel.

MESSAĠĠIER Ma tridux tisimgħu l-ewwel bicca, fuq l-efficenza tal-P.K.M.

PA/MA UBU LE!

ONZI Iva. (ħarsa bl-ikrah m'għand UBU) Le... le.

MESSAĠĠIER Insomma mela: Il-gwardjan tal-ħabs bagħat jgħid li l-Kaptan Kicov għeb il-lejl li għadda. Fittex kullimkien.

PA UBU (lis-SULDAT) Mur sib dak il-gwardjan li ħallieh jaħrab, u aqtagħlu rasu barra. Jekk ħaseb li se joħroġ liberat ....

MA UBU X'waħda din.

PA UBU Tinkwiet xejn għażiża. Mhux f'nofs ir-Russja jista' jsib ruħu dak. X'jista' jagħmlilna minn hemm.

IT-2 XENA.

ZAR (ZAR jidħol jiġbed lil KICOV minn widnejh b'accent pseudo-Franciż.) Entrez, Idħol 'l hawn, li ma kontx tistħi minn Alla tiġi ici, hawn, me disturber, tiddisturbani, lili, liz-Zar, waqt is-sjesta tiegħi mingħajr lanqas tgħidli qui etes vous, min int!

KICOV Escusez moi, votre majeste, escusez very boucoup. Ajma widnejja, Laissez mon toqba ta' widnejja majeste pour parler u expliquer.

ZAR Se nħallilek widnejk għax tant taf titkellem bil-francais (lill-Udjenza) Jien bil-franċiż ma nafx kelma imma billi qegħdin fir-Russja ta' qabel ir-Rivoluzzjoni u f'socjeta għolja, hawn kulħadd itiha bil-franċiż, ikolli nagħmel ta' birruħi nitkellem bil-franċiż aħjar minn De Gaulle. (lil KICOV) Louvre, Tour Effeil.

KICOV (lill-Udjenza) Jien bil-franċiż ma nafx waħda imma fid-dinja trid tibqa' tibblaffja sakemm tinqabad. (liz-ZAR) Montmartre, Folies Bergeres.

FLIMKIEN (jiħħamjaw l-innu Franċiż)

ZAR Ah mon ħabib. Allura x'jismek għidli? X'ġiebek hawn fil-kesħa tar-Russja.

KICOV Nippreżenta ruħi u nintroduci lil nnifsi, votre majeste. Jisimni Kicov, Kaptan ta' l-armata tal-Polonja, maħrub mill-istess Polonja u mfittex mit-tirani Ubu u Ubu li biex jiffrankaw xi ħaġa ma jridux jagħmluni Duka ta' Litwanja kif solennament kont imwiegħed.

ZAR Mel'int dak il-miżbla traditur li qtilt lill-kuġin tiegħi ir-re nobbli Kovskovic.

KICOV (lill-Udjenza) Madonna tal-ħniena. Kuġin. Magħmula tiegħi. Minn tant nies Kovskovic kellu jkun il-kuġin ta' din l-ixkora xaħam. (liz-ZAR) Mewt fil-familja. Accepte mon sympathy. Oh xi dwejjaq. Oh x'niket. (ibiddel it-ton) Min qallek? Mhux veru.

ZAR (lill-Udjenza) Ma jafx li aħna l-mexxejja kollha niġu minn xulxin, anke jekk inkunu fuq kampijiet opposti? (lil KICOV) Qalli b'kollox il-Princep Pesisoslav, li int u Ubu, b'għemilkom faħxi eżiljajtuh hawn, u li issa qed jipprepara biex jinvadi l-Polonja u jeqred dak il-mislem ta' Ubu minn wiċċ l-art.

KICOV (lill-Udjenza) Magħmula tiegħi, dan jaf kollox. Imma jekk nigdeb biżżejjed xi ftit dejjem jitwemmen. (liz-ZAR) Mhux veru, mhux jien kont, anzi ġegħluni, mhux tort tiegħi dak kien it-tewmi tiegħi, jixbaħni ħafna. Jien ħaġa waħda biss irrid, li npattiha lil Ubu.

ZAR Togħġobnique, kemm int romantique, ja tradituriqu ... Kemm kellek suldati taħtek fil-Polonja?

KICOV Kelli ħames riġmenti tad-dejma Pollakka.

ZAR U jien se nagħmlek kurunell fuq għaxar riġmenti tal-korp militari Russu. Qis li turi l-istess qlubija li wrejt meta qtilt lil Kovskovic.

KICOV L-istess u aktar, votre Majeste, Suldat toujours suldat, ma jimpurtax min ikollu quddiemu, tkunx mara xiħa, tarbija, jew ir-re tal-Polonja.

ZAR Hekk inħobbhom il-kurunelli tiegħi jien. Issa mur sal-kcina w għidilhom jagħtuk x'tiekol għax dalwaqt taqa' ma' l-art. Jekk ikellmek xi ħadd, għidlu li bgħattek jien. (Joħorġu)

IT-3 XENA.

Jidħlu l-lagħqa. Jitkellmu bejniethom b'kelma waħda biss, 'iva'. Ipoġġu bil-qegħda fuq kaxex li jdaħħlu magħhom. Jidħlu PA u MA UBU.

PA UBU Sinjuri, niddikjara din il-laqgħa tal-lagħqa miftuħa ... kull ma rrid mingħandkom li tgħidu iva meta nsaqsikom xi ħaġa. Sewwa qed ngħid?

LAGĦQA Iva, iva (kantaliena)

MA UBU Miskin, kemm hu baħnan, biex jieħu gost ....

PA UBU Ara kif titkellem int, għax malajr nitlef it-tempra u nispicca armel .... sewwa qed ngħid?

LAGĦQA Iva, iva.

MA UBU Dan x'parlament hu; membri balali, immexxi minn ġidra. Sewwa qed ngħid?

LAGĦQA Iva, iva.

| | |
|---|---|
| PA UBU | Aqtgħuha. Minn issa 'l quddiem irridkom iżżommu widnejkom miftuħa u ħalqkom magħluqa, ftiehmna? |
| LAGĦQA | Jgħollu tabolli li jgħidu 'iva'. Wieħed minnhom bi żball, itella' t-tabella bil-maqlub fejn għandu miktub 'le'. |
| PA UBU | X'iġifieri ma taqbilx. Int traditur. Int qed tipprova tagħmel il-bsaten fir-roti. Inti għadu tal-progress. Bl-aġir tiegħek trid tfixkel il-progress .... (LAGĦQI jirrejalizza li tella' n-naħa l-ħażina u jdawwar it-tabella minnufih. Issa tiġi taqra 'iva' bħall-oħrajn) |
| PA UBU | Tajjeb wisq. Mela, l-ewwel fuq l-aġenda għandna l-finanzi. |
| LAGĦQI | Kif sejrin il-finanzi? (PA UBU jkun se jwieġeb) |
| MA UBU | Għandi ngħarrafkom li l-finanzi tagħna jinsabu fi stat tajjeb ħafna. |
| LAGĦQI | U kif sejrin it-taxxi l-ġodda? (UBU jkun se jwieġeb) |
| MA UBU | Għal dil-mistoqsija nwieġeb jien. L-ebda taxxa ġdida ma ħalliet il-frott mixtieq. Il-fqar tant ftaqru li ma baqagħlhom xejn x'nisirqulhom. U għal dik it-taxxa fuq iż-żwieġ, biex ma jħallsuhiex issa qegħdin ipoġġu. Pero l-aktar li tatna f'għajna kienet it-taxxa fuq il-mewt? Tafu li biex ma jħallsux dik, ħadd ma qiegħed imut? Issa hekk sewwa? |
| LAGĦQA | (jgħollu t-tabella 'iva') |
| PA UBU | Daż-żgur li mhux sewwa. (idawru t-tabelli 'le') Inkomplu t-tieni u l-aħħar item fuq l-aġenda .... |
| MA UBU | Kif se nsiru aktar sinjuri aktar malajr? |
| | Jidħol MESSAĠĠIER |
| MESSAĠĠIER | Polski Kumpanija Messaġġi P.K.M. għad-disposizzjoni .... |
| MA UBU | Tina l-messaġġ u biddilha dik il-kantaliena. |
| MESSAĠĠIER | Ħalluni ngħidhom daż-żewġ linji li għandi. Tort tiegħi li min kitibhom m'għandux immaġinazzjoni biżżejjed? |
| MA UBU | Għidhom, imma ta' lanqas, għaġġilhom. |
| MESSAĠĠIER | (jgħaġġel) Polski Kumpanija Messaġġi (P.K.M.) Għad-disposizzjoni tagħkom .... Telegramma mir-Russja, iffirmata Kicov. |

PA/MA UBU — Mela dak ir-Russja qiegħed?

LAGHQA — (<u>Tabella- Iva</u>)

MA UBU — X'kiteb?

MESSAĠĠIER — Qal li z-Zar accettah b'idejh miftuħa u sar iħobbu, qal li daqt jinvaduna u li jekk taqgħu taħt idejh iqaxxarkom ħajjin.

MA UBU — X'iktar, x'iktar?

MESSAĠĠIER — Ma naħsibx li jkun xieraq naqra ngħajjat quddiem udjenza distinta dak li Kicov qal li jixtieq jagħmel lil Ma Ubu.

MA UBU — Mel'għidli f'widnejja. (<u>MESSAĠĠIER jgħidilha</u>) Madonna tiegħi, tħalluhx jersaq lejja. Żommuh 'il bogħod.

PA UBU — Hemm xi ħaġa dwari?

MESSAĠĠIER — (<u>jaqra</u>) Lil Pa Ubu ma nistrieħx qabel ma narah imdendel rasu 'l isfel ma' l-akbar zokk fil-Polonja.

PA UBU — Madonna tiegħi. Mela ma jafx dan Kicov li jien inbati minn attakki qawwija ta' twerwir fl-istonku meta xi ħadd jheddidni. Issa x'se nagħmel, naħrab?

LAGHQA — Iva!

PA UBU — Jew niġġilidlu?

LAGHQA — Iva.

PA UBU — Fikom għajnuna intom. (<u>lil MESSAĠĠIER</u>) Int x'taħseb?

MESSAĠĠIER — Ma nafx, majesta, minn meta bdejt naħdem miegħek m'... ...x naħseb, skużani.

PA UBU — Imbecilli. Ma jimpurtax. Niddeciedi jien. Se nsejjaħ gwerra kontra r-Russja.

LAGHQA — Iva, iva.

PA UBU — Neqridhom kollha.

LAGHQI 1 — Iva, iva, nirrekwiżizzjonaw il-bżonnijiet tagħna.

LAGHQI 2 — Iva, iva, nimmobilizzaw l-artillerija, il-kavallerija u l-kafeterija.

LAGHQI 3 — Iva, iva. Nistazzjonaw 'l kulħadd għassa mal-fortiz...

LAGHQI 4 — Inlestu ħafna flus biex lis-suldati intuhom pizza.

PA UBU — Hekk le. Ma tarax. Ara jien, qabel kienu jħallsuni biex immur niġġieled u issa rrid noħroġ kollox minn buti. Barra. Kulħadd barra. Jekk tridu l-flus araw intom minn fejn se ġġibħhom. (LAGHQA joħorġu) (Lill-MESSAĠĠIER) U int, niżżel dan il-messaġġ u mur bih għand iz-Zar tar-Russja.

MESSAĠĠIER — Żomm waħda. Tgħaġġilx. (joħroġ notebook u lapes). Kompli ...

UBU — Ir-Re Ubu, kemm tinstema' sabiħa hux, Ir-Re Ubu jiddikjara gwerra kontra r-Russja kollha, bis-Siberja u Alaska b'kollox.

MESSAĠĠIER — jiddikjara gwerra kontra ... kontra ...

PA UBU — Ir-Russja kollha u ....

MESSAĠĠIER — Fejn immur bih?

PA UBU — Għand il-Papa.

MESSAĠĠIER — Għalfejn għand il-Papa u mhux għand iz-Zar.

PA UBU — Barra! (MESSAĠĠIER joħroġ, jerġa' jdaħħal rasu)

MESSAĠĠIER — Ma tridx tgħidlu xi ħaġa oħra.

PA UBU — Għidlu biex wara li ttih il-messaġġ jitfgħek 'l isfel mill-ogħla muntanja tas-silġ li hemm fis-Siberja.

MESSAĠĠIER — Tieħu ħsieb xejn. Kollox ngħidlu. (joħroġ)

IR-4 XENA.

XOMSKI u SULDATI jidħlu jimmarcjaw.

XOMSKI — Imxu. Alt. Duru xellug. Alt. Imxu. Alt. Issa lemin. Alt. Għajnejkom quddiem. Alt. Idejkom dritti. Alt. Strieħu. (suldati jistrieħu) Mhux hekk, meta ngħid strieħu. Jiġifieri tifthu ftit saqajkom u ma tibqgħux dritti stanga. Hekk aħjar. Suldati. Qatt tinsew li intom nies militari u li tal-militar huma l-aħjar suldati. Issa, l-ewwel tridu timmarcjaw sewwa. Biex timmarcjaw tajjeb tridu l-ewwel tpoġġu il-pis kollu ta' ġisimkom fuq is-sieq il-leminija, imbagħad bil-ħlewwa kollha tiżżerżqu 'l quddiem hekk, ħelu, ħelu, sieqkom ix-xellugija l-ewwel. Attenti. Ftakruha din. Bil-lemin lejn il-lemin. 'Il quddiem, għajnejkom lejn il-lemin. Int. Għalfejn qed titwerwer. Hares lejn il-lemin biss.

PA UBU (jidhol) Ah il-ġeneral Xomski. Kif inhuma s-suldati l-ġodda.

XOMSKI Ġodda, Sire, ġodda.

PA UBU Aħjar għax ikunu friski. (Hadd ma jiccaqlaq. UBU jidhaq) Friski. (inaqqas mid-daħq sa ma jieqaf) Jien moħli magħkom ja qabda ġdur moroni. Ġeneral Xomski, dawn jafu jimmarcjaw?

XOMSKI Jafu, sire, jafu. Suldati. Bil-lemin lejn il-lemin, 'il quddiem. (Is-SULDATI jimmarcjaw)

PA UBU Dawn jirbħu t-tango champion mhux jimmarcjaw. Insomma, aħjar mix-xejn. Ġeneral Xomski. Dawn jafu jkantaw l-innu tal-Polonja?

XOMSKI Suldati. L-innu tal-Polonja. 1, 2, 3 ....

SULDATI Allelulja, Allelulja, Al - le - lul - ja.

PA UBU Aħna aħna jew m'aħniex? Xomski waqqafhom.

XOMSKI Alt. (Is-suldati jieqfu) Strieħu. (Is-Suldati jistrieħu) Mhux hekk, kif urejtkom l-ewwel.

PA UBU Insewh l-innu nazzjonali tal-Polonja, Xomski għallimhom xi ħaġa semplici, li jkun jiflaħ moħħhom.

XOMSKI Bħal xiex, Sire?

PA UBU Bħal, per eżempju, 'Viva Ubu'

XOMSKI Suldati, għidu warajja 'Viva Ubu'. Flimkien.

SULDATI Viva Ubu. (igerfxuha)

XOMSKI Flimkien. Viva Ubu.

SULDATI Viva Ubu. Beee, Viva Ubu, bee.

XOMSKI Qed tarahom Sire, għandhom intelliġenza mhux tal-bnedmin.

PA UBU Allaħares kulħadd kellu moħħ bħal tagħhom. Insomma, issa aħjar inlesti jien. Ma Ubu. (MA UBU tidħol mgħobbija bl-affarijiet tal-gwerra ta' PA UBU)

MA UBU Mela bic-comb ħdimtha dil-kurazza.

PA UBU Dik biex ma jagħmluli xejn il-balal Russi. Ma tafx x' qalli t-tabib? Żomm kemm tiflaħ 'il bogħod mill-balal Russi, qalli dawk mhux tajbin għal saħħtek.

MA UBU — Żgur itellgħulek ġismek kollu dbabar ħomor.

PA UBU — Eżatt. Kif taf?

MA UBU — Għax naf kemm int beżżiegħ. Ejja ħa, ibda ilbes (UBU jilbes) Issa ż-żiemel jonqos. Żiemel! (SULDAT jersaq 'il quddiem) Da x'żiemel hu. Dan iktar tajjeb biex nużah handbag għax ħlief ġilda ma fihx. M'hemmx xi ħaġa aħjar. (SULDAT 1 jersaq lura u floku jersaq SULDAT 2) Mhux għax fih wisq imma dejjem aħjar. Nitħassrek meta niftakar li trid iġġorr 'l Pa Ubu sar-Russja fuq dahrek.

PA UBU — Jien lest, qalbi. (Jitla' fuq iż-żiemel) 'Il quddiem suldati qalbiena tiegħi, ħa nkabbru l-glorja tal-Polonja u nħaxxnu bwiet Pa Ubu. Saħħa, Ma Ubu, kull rebħa niddedikaha lilek.

(Joħorġu. PA UBU fuq dahar SULDAT 2. XOMSKI u SULDATI 1 u 3 iġorru tabella 'Armata Pollakka'.)

MA UBU — Saħħa Pa Ubu. Qis li toqtlu sew liz-Zar. U tinsiex taħsel saqajk qabel torqod, u snienek. (toħroġ maktur timsaħ id-dmugħ) Kull meta xi ħadd isiefer kemm jiddispjacik hux li ma tkunx sejra miegħu. Issa li dak il-fidil ta' żewġi telaq kull ma jonqosni nagħmel hu li nsib il-ħażna deheb li għandu u naħrab 'l hemm qabel jiġi lura hu jew Pesisoslav. (tersaq lejn il-Kripta) Issa fejn jista' jkun moħbi dak it-teżor? Hawn ħlief dlam u għadam tar-rejiet mejtin m'hawnx. Żomm waħda. Hemm x'hemm ileqq? Hawn hu. L-aħwa. Sibtu t-teżor rjali Pollakk. Hawn qiegħed. Kollox .... deheb, djamanti, fided u ħażar prezzjuż, kollox imħallat mal-għadam tal-iskeletri ... x'dehra dik, kif jitgħaxxqu l-għajnejn. Kollox għal ġo l-ixkora. Da x'inhu dal-ħoss.

LEHEN PESIS — Le, Ma Ubu, mhux sew li tisraq lill-mejtin.

MA UBU — Madonna tal-ħniena, dawn l-erwieħ qed ikellmuni. Jaqbilli naħrab ....

| | |
|---|---|
| LEHEN | Tiġri kemm tiġri Ma Ubu, il-ħaqq għad jilħqek. |
| MA UBU | Ħaqq il-ħaqq. Għajjut. Salvawni mill-ħaqq. (taħrab tiġri) Jidħlu PESISOSLAV u n-NIES) |
| PESISOSLAV | (jidħak) Skużawni, poplu tiegħi, imma ma niflaħx niġri iżjed bid-daħq. Ħasra li Ma Ubu se taħarbilna għalissa, imma ma flaħtx ma ntihiex qatgħa hekk kif rajtha qalb dawk l-oqbra. |
| NIES | Viva Pesisoslav! |
| PESISOSLAV | Iżda la naqbduha, lilha u 'l dak il-mingħul ta' żewġha, inwegħedkom li nqaxxarhom ħajjin. |
| NIES | Viva Pesisoslav. |
| PESISOSLAV | U wara li ssir il-ġustizzja billi nqattagħhom roti roti żgħar żgħar, inwegħdkom li nneħħi dawk it-taxxi kollha li għamel Ubu. |
| NIES | Viva Pesisoslav, Viva r-roti roti. |
| PESISOSLAV | U biex tibqa' mfakkra dil-ġrajja storika, mil-lum il quddiem, b'tifkira ta' dan il-jum għażiż li fih ħadna l-ħelsien mill-jasar ta' Ubu, kulħadd jiekol tumbanti li issa saru l-ikla nazzjonali Pollakka. |
| NIES | Viva Pesisoslav, Viva t-tumbanti. Viva l-Polonja. Jerfgħu 'l PESISOSLAV, joħorġu. |

IL-5 XENA

Il-kamp tal-Battalja.

Jidħol PA UBU riekeb fuq ŻIEMEL, XOMSKI u 2 SULDATI.

| | |
|---|---|
| PA UBU | Ħaqq għal qaħbec, kemm se ndumu tilgħin tlajja'. Meta ħa naslu. Naħseb li se mmut bil-għatx u bl-għeja qabel nasal. Suldati qalbiena tiegħi, ħudu paċenzja u ġorruli daqsxejn ix-xabla għax ma niflaħx niflaħħa iżjed. |
| ŻIEMEL | Mela jien x'niflaħ, ġarrejt lilek, kartell xaħam, din it-triq kollha mill-Polonja sar-Russja, qlajtli fwiedi. |
| XOMSKI | Sire, mintix qed tħossha stramba li r-Russi għadhom ma jidhru mkien? |

PA UBU — Lanqas xejn, dawk probabbli qegħdin jarawna minn x' imkien fil-għoli, jammiraw l-armata tiegħi, u qegħdin jikkonfondu kif ser jaqbdu joħduha magħna. Min jaf kif inħuma mbewlin bil-biża'.

SULDAT 3 — Għandek żball Sire, dik mhux l-armata Russa hemm isfel fil-baxx?

PA UBU — Fejn? Alla tal-ħniena, għandek raġun. X'se nagħmlu. Jien nibża' minnu d-demm (jaqbad ma' SULDAT) Imdawrin aħna. Għażiż San Ġuda, idħol għalija u għamel l-impossibli kif ġieli għamilt u oħroġni minn din il-bawxata qawwi w sħiħ.

XOMSKI — Qegħdin miftuħin għall-attakki minn kullimkien fuq din l-għolja Sire.

PA UBU — Sewwa qed tgħid. Kif sibna ruħna fuq din l-għolja?

SULDATI — (imbeżża') Ir-Russi. X'waħda din. Jien nibża' minnhom dawk. Ommi dejjem tbeżżagħni bihom. L-għadu wasal fuqna. Kulħadd għal rasu (jippruvaw jaħarbu)

PA UBU — (iħares mit-tromba) U ħa ngħidilkom, ma tantx jidhru minn tagħna x'jheżżu snienhom. (jinduna li se jaħarbu)

PA UBU — Ejjew 'l hawn ja qatta beżżiegħa. Mela tridu ġġennuni, tħalluni waħdi. Titilfux raskom qalbiena tiegħi. Jeħtieġ noħolqu strateġija. (Jagħti l-ordnijiet mgħaġġlin) KULĦADD jipprova jimxi ma' l-ordnijiet tiegħu. Konfużjoni. L-infantrija ssib postha f'qiegħ l-għolja ħa tilqa' r-Russi fi ħdanha. Il-kavallerija tmur warajha ħa żżid naqra konfużjoni, u l-artillerija tieħu postha hawn fuq u tispara, tolqot fejn tolqot u tolqot 'il min tolqot. (jara konfużjoni sħiħa) X'intom tħawdu ja qatta ġdur. Ara, insew kulma għidtilkom u ejjew duru madwari. Jien noqgħod f'nofskom qisni fortizza u intom duru madwari ħa tilqawli l-baħal. Jekk xejn tbegħduli naqra l-periklu. Nagħtikom parir, timlew l-ixkubetti tagħkom b'kemm Alla ħalaq balal għax se tiġu bżonnhom. Xomski!

XOMSKI (<u>jiġri</u>) Għidli Sire.

PA UBU X'ħin hu?

XOMSKI Il-ħdax ta' fil-għodu.

PA UBU Tajjeb wisq. Għid daqsxejn lill-qalbiena tagħna jistrieħu ftit għax naħseb ilhom jerfgħuha.

XOMSKI Isir li trid int Sire. Suldati strieħu! (<u>jirrilexjaw saqajhom</u>) Strieħu imma mhux hekk. (<u>jinxteħtu ma' l-art</u>) Strieħu, jiġifieri, neħħu t-toqol. (<u>ineħħu x-xabla</u>) STRIEHU jiġifieri BULU!

SULDATI EEEEEEE.

XOMSKI Jagħmluk ilma kemm idumu ma jifhmu.

<u>Is-SULDATI joqogħdu ringiela daharhom lejn l-udjenza</u>.

PA UBU Kemm niggustahom narahom hekk, f'dik il-qagħda.

XOMSKI Kollha lesti Sire.

PA UBU Tajjeb mel'issa ejjew nieklu. Ir-Russi qatt ma jattakkaw qabel l-ikla ta' nofs in-nhar.

<u>Tinstema' sparatura</u>.

SULDAT 1 Sire, ir-Russi qegħdin jattakkaw.

PA UBU Ja mġiddmin l'huma. Kielu kmieni llum.

SULDAT 2 Sire, ir-Russi qed jattakkaw.

PA UBU Għax qed tgħid lili, qisni jien għidtilhom biex jattakkawna. Insomma l-aħwa, ejjew nurħhom kemm aħna qalbiena. Għalihom l-aħwa. (<u>Jattakkaw. PA UBU jibqa' fejn ikun. Jersaq SULDAT RUSSU u jiġġieled bix-xabla ma' SULDAT POLLAKK</u>.) Iġġilidlu. Tħalliehx jersaq lejja. Jista' jweġġagħni. Iġġilidlu sakemm ngħid il-Pater Noster, nieħu ħsieb ftit ruħi, imbagħad ħallih f'idejja.

PA UBU Missieri li inti fis-smewwiet. Alla tal-ħniena mejjet jien.

SULD. POLL Inqattgħek bicciet.

SULD. RUSSU Noħroġlok il-mudullun u nibilgħu f'nifs wieħed.

PA UBU Jitqaddes ismek, tiġi saltnatek. Xi kliem qed juża, qed ibeżżagħni.

SULD. POLL Inħanxarlek gerżumtek.

SULD. RUSSU Incarrtek min-nofs u nixroblok demmek.

PA UBU Ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. Kemm hu feroci.

SULD. POLL Innifdek u nqattgħek bicciet, roti, roti.

SULD. RUSSU Kapuljat nagħmlek. Ngħasrek ħaj.

PA UBU Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dħubietna kif naħfru 'l min hu ħati għalina. Dad-demm kollu qed iqajjimli ġismi xewk xewk.

SULD. POLL Innittfek ħaj bħal tiġieġa.

SULD. RUSSU Inqaxxrek ħaj.

PA UBU U ddaħħalnix fit-tiġrib. Amen. (Mal-kelma 'Amen' is-SULDAT RUSSU joqtol lis-SULDAT POLLAKK, idur fuq PA UBU biex jiġġilidlu. Drammatiku.

SULD. RUSSU Issa inti jmiss. Dur u ara 'l min għandek quddiemek. Dur u ġġilidli jekk ma tibżax minni.
PA UBU, mingħajr ma jħares lejh (jinjorah) jisparalu u joqtlu.

SULDAT 1 Ġej iz-Zar. Kemm hu kbir. (jaħrab)

SULDAT 2 Dak iwerwirni nħares lejh biss.

SULD. RUSSU Għamlu l-wisa' għall-maħbub Zar tagħna.

PA UBU Tibżgħux minnu qalbiena tiegħi. Għalih. (Jaqbeż fuq iz-ZAR. UBU jibda jfajjarlu bix-xabla. Iz-ZAR jibqa' kalm.) Hu din, u din. Hu ja kelb Russu. (Iz-ZAR iwerżaq. UBU jitwerwer, iżiegħel bih) Jimporta. Rrid ngħid, skużani Majesta jekk forsi lqattgħek jew ħammiġłek xi ftit. Mhux għax ridt. Bqajt dieħel fuqek. Ma rajtekx. U issa jekk ma jimpurtax wisq għalik nixtieq noqgħod ftit għall-kwiet waħdi għax dan l-istorbju qiegħed iweġġagħli rasi.
(Iz-ZAR jgħajjat twerġieqa tal-biża', joħroġ ix-xabla PA UBU jitwerwer, jiġru wara xulxin; jieqfu. Jiġġieldu.

ZAR Ja sakranazz għatxan għad-demm.

PA UBU Ja tiġieġa mimlija bl-ikkapuljat immuffat.

ZAR Ja [illegible]

PA UBU [illegible]

ZAR Ja daghwa b'Alla.

PA UBU Ja ħanżir imsemmen.

ZAR Għall ġustizzja u l-vendetta tal-kuġin.

PA UBU Għall-Polonja u l-Kbir Pa Ubu.

(Jibqgħu jiġġieldu u ħerġin 'il barra.)

Jidħol PA UBU mas-SULDATI tiegħu.

PA UBU Kuraġġ l-aħwa. Tinsewx kif irnexxielna nagħmlu l-mirakli u m'hemmx dubju li konna nagħmluhom ikkapuljat li ma waqgħetx certa biża' fuqna u ġegħlitna naħarbu. Konna nirbħu kieku ma ddecidejniex li nirtiraw f'leħħa ta' berqa, għax fejn tidħol il-kapacita biex naħarbu, żgur li ma jirbħilna ħadd.

(Jidħol PESISOSLAV ma' KICOV u SULDAT RUSSU)

PA UBU (imwerwer) Pesisoslav.

PESISOSLAV Ubu.

(Ġlieda bix-xwabel)

PESISOSLAV Ħa nivvendika ruħi minnek.

PA UBU Aħjar ma nużax kliem iebes miegħu li ma nimpressjonahx.

PESISOSLAV Ja maħmuġ mostruż u bhima feroci.

PA UBU Ja pastaż bil-patata barra.

PESISOSLAV Ja xbieha ta' waħx il-baqar.

PA UBU Ja mqareb tagħmel pipi u koko taħtek.

PESISOSLAV L-għażiża maħbuba martek irnexxielha tiżgiccalna u ħadet magħha d-dehbijiet kollha li kien hemm midfunin fil-kripta imma int mintix se teħlisha daqshekk ħafif.

PA UBU Iva ja bicca ta' mġiddma l'hi. Nħallasha jien la naraha.

Jibqgħu jiġġieldu fil-waqt li joħorġu. Stage vojt.

Jerġgħu joħorġu PA UBU u s-SULDATI tiegħu fuq quddiem.

Warajhom iz-ZAR, KICOV, PESISOSLAV u SULDAT RUSSU.

Wieħed wieħed, is-SULDATI POLLAKKI jibdew imutu.

PA UBU X'waħda din, kif qed joqtluna wieħed wieħed. Naħseb aħjar indabbar rasi kif għadni bic-cans.

Aktar ġiri 'on stage' sakemm jispicca PA UBU waħdu.

Il-6 XENA.

PA UBU waħdu. Fid-deżert.

PA UBU (b'nifsu maqtugħ) Hawn fejn ninsab. Ajma kemm inħossni għajjien. Ta' lanqas jidher li ħrabtilhom. (jittewweb) Kemm inħossni għajjien. X'battikata tawni mgħarrqin dawk ir-Russi. Ajma, kemm inħossni għajjien. (jorqod - jitkellem fl-irqad) Toqgħod tispara f'din id-direzzjoni għax tista' tweġġagħni. Madonna tal-ħniena Pesisoslav qed jiġri warajja. Dabbar rasek Kicov, miniex se nagħmlek Duka ta' Litwanja.

Tidħol MA UBU għajjiena, iġġorr id-dehbijiet li serqet fi xkora.

MA UBU Ajma kemm jien għajjiena. Ajma x'ġirja dik, kelli naqsam il-Polonja f'erbat ijiem. Tani l-qatgħa ta' ħajti dak Pesisoslav. Imma ma ġitnix daqshekk ħażina għax ħrabt b'kollox. Min jaf x'sar minnu dak il-buffu ta' żewġi. Iqiegħdni fil-frisk jekk ikun jaf li berbaqtlu flusu.

PA UBU (jibda jistembaħ) Issa nħallsek ja mxajtna l'int. Berbaqtli l-flus kollha hux. Aqbduha 'l Ma Ubu, u oqtluha.

MA UBU (tintebaħ bih) Madonna tal-ħniena, magħmula tiegħi. Dan żewġi. Jaf b'kollox.

PA UBU (fl-irqad) Tisparawx 'l hawn għax tistgħu tolqtuni.

MA UBU X'inhu jħawwad. (pawsa) Min jaf kieku nabbuża naqra mid-dlam u s-sitwazzjoni.

PA UBU (jistenbaħ ftit iżjed) Donni qed nisma' 'l xi ħadd jitkellem. Hawn xi ħadd żgur.

MA UBU (b'leħen tal-biża') Tassew Sur Ubu. Jien l-anġlu Gabriel innifsu qiegħed inkellmek. Tħarisx lura u ismagħni tajjeb għax għandi ftit pariri tajbin għalik.

PA UBU Għalija Grabiel, tista' tmur tixxejjer int u l-pariri tiegħek.

MA UBU Gabriel l-isem, u tinsulentanix darb'oħra għax nibgħatlek xi kastig kbir. Pesta taż-Żrinġijiet per eżempju.

PA UBU

PA UBU — Kompli mela.

MA UBU — Ammetti li martek hija anġlu tas-sema, sabiħa u safja u ta' min jinżillha u jadurha.

PA UBU — Ma nammetti xejn, għall-kuntrarju. Marti hija kerha, xitan ta' l-infern, u tant hi ħoxna li jdejk lanqas iduru ma' qaddha.

MA UBU — Agħlaq ħalqek u dur 'il quddiem. Martek qatt ma qalbithielek ma' ħadd.

PA UBU — Dak għax tant hi kerha li l-ebda raġel b'għajnejh u b'rasu f'lokha m'hu sejjer imur magħha.

MA UBU — Ma tixrobx, lanqas.

PA UBU — Għax sakkartilha l-bieb tal-kantina, imma u ħadt iċ-ċavetta miegħi.

MA UBU — (<u>lill-Udjenza</u>) Qaħbeċ, dalwaqt jisbaħ u għadni ma wasalt imkien.

PA UBU — (<u>jismagħha</u>) Ma kontx naf li l-anġli tas-sema jitkellmu baxx.

MA UBU — Ismagħni sew. Mod wieħed għandek kif tista' ssalva ruħek u jinħaffrulek il-ħruxijiet kollha li wettaqt.

PA UBU — U int għidli, forsi ma tafx kif insir qaddis, u jitniżżel ismi fl-almanac, ikolli l-festa tiegħi f'xi raħal ukoll.

MA UBU — Trid taħfer lil martek talli tefgħet xi ftit minn flusek f'butha.

(<u>jibda jisbaħ</u>)

PA UBU — (<u>jagħrafha</u>) Ma Ubu. U nħallsek jien. Ha nara x'inhi din li tisraqli flusi. (<u>jiġri warajha</u>)

MA UBU — Ismagħni għażiż tiegħi. Id-dehbijiet qegħdin kollha għandi f'din l-ixkora. Nistgħu naħarbu bihom.

PA UBU — Ma rridx nisma'. L-ewwel ngħawwiġlek imnieħrek, imbagħad innittiflek xagħrek, niftaħlek moħħok ktieb, nifqagħlek żaqqek u fl-aħħar naqtagħlek rasek barra, idea kif oriġinat minn Ġwanni l-Battista; kif spjegata fil-vanġelu u kif ġiet immodernizzata, ikkoreġuta u pperfezzjonata minni.

MA UBU — Ħnien ja Sidi, ħniena. Se twaqqagħli t-teżor tal-Polonja.

PA UBU (jitlaqha) X'għidtli? Għandek it-teżor tal-Polonja miegħek. Oh għażiża tiegħi, għax m'għidtlix qabel. X'ma nħobbhokx jien. (ibusha)

MA UBU Għall-erwieħ. Ġie f'tiegħu.

PA UBU Aħjar indabbru rasna u naħarbu b'kollox qabel isibuna dawk il-mingħula ta' Russi.

MA UBU Fejn ħa mmorru għażiż tiegħi. Tgħid immorru l-Ġermanja?

PA UBU Jgħidu li sabiħa l-Ġermanja għalkemm mhux daqs il-Polonja.

MA UBU Bħall-Polonja la hawn u lanqas ikun hawn, u allaħares fid-dinja ma jkunx hawn Polonja.

PA UBU Għaliex?

MA UBU Għax kieku fejn imorru l-Pollakki kollha?

Is-7 XENA.

L-istess. PA UBU u MA UBU jkunu se jaħarbu.

Jidħol PESISOSLAV fuq naħa hekk kif ikunu ħerġin.

PESISOSLAV Qbadtkom fl-aħħar. Rajtkom kif taħt idejja kellkom tispiccaw. (ifajjarlu daqqa ta' xabla, ma jolqtux) Ħudha ja kelb, beżżiegħ, infidil, musulman.

PA UBU (lil MA UBU) Għalfejn qed jgħidli musulman infidil. Infidil u musulman ngħid jien mhux xorta.

MA UBU U jien naf x'inhu xorta. Naf li ħa mmut b'xi attakk f'qalbi ma ndumx.

PESISOSLAV Issa l-waqt li npattielkom kollox.

PA UBU U għax ma nagħmlux ħbieb għażiż Pesisoslav tiegħi, ninsew il-passat. Jiena w missierek konna ħobż u sikkina qabel inqala' dan kollu.

PESISOSLAV Issemmiehx lil missieri. Dak anġlu ħdejk.

Jiġġieldu. PA UBU jimbuttah fl-art.

PA UBU Issa c-cans għażiża tiegħi, ejja naħarbu min-naħa l-oħra.

Ikunu ħerġin min-naħa l-oħra. Isibu lil KICOV.

PA UBU Int!

KICOV Eh jien.

PA UBU Ħabib tal-qalb. Kif int. Kemm ili ma narak. X'sar minnek. L-għażiża marti għadha miġnuna fuqek. Dejjem issemmik. Kieku ninsew daqsxejn il-passat .....

KICOV Qatt iżjed m'hu se jkolli x'naqsam miegħek. U issa li qiegħed hawn, wicc imb'wicc miegħek, ħa npattilek kollox talli dħakt bija u ttradejtni. Miniex se nħallilek sufa waħda f'ġismek. (lil MA UBU) U lilek ukoll saħħara.

MA UBU Alla tal-ħniena, ili xagħrejn ma nqaxxar is-suf ta' ąqajja. Qed iwerwirni xi jberraq għajnejh. Agħmel xi ħaġa int.

PA UBU Qed nagħmel xi ħaġa. F'qalzieti bħalissa; bil-biża' li qed inħoss. Tlaqna 'l hemm kif għadna bic-cans li naħarbu. (Jitilgħu t-taraġ. Isibu liz-ZAR ma' wicchom.)

MA UBU Ara x'hawn quddiemna. Dan il-kartell xaħam kif tridna ngħaddulu.

ZAR Kulma jonqosni issa huwa biss li neħles minnkom u l-Polonja tkun taħt idejja wkoll. Fuq kollox, Pesisoslav għadu ckejken, indawru ma' subgħajja ż-żgħir.

MA UBU Intom ir-Russi naqtagħkom minn dejjem kellkom qalbkom marbuta mal-Polonja.

PA UBU Majesta, kemm qed nieħu gost li qed nerġa' narak. Serraħtli rasi, ma ġralek xejn.

Issa PA UBU u MA UBU jinsab mdawrin minn kullimkien.

KICOV Itlaq dik l-ixkora minn idejk. (titlaqha fuq sieq PA UBU)

PA UBU Kieku m'hemmx ħajti fin-nofs bħalissa, nispulpjak (jaħarbu)

KICOV Cedu, m'għadkomx cans taħirbu. (jaħarbu n-naħa l-oħra)

PESISOSLAV Oh missieri li int fis-sema, naturalment qed ngħid għalik Kovskovicc, fl-aħħar ħa nivvendika ruħi għalik. (jaħarbu)

ZAR Daqshekk ħrabtu Ubu.

KICOV, PESISOSLAV, u z-ZAR jaqbżu fuqhom u joqtluhom. Joħorġu. Il-paik jinbidel fl-infern.

PA UBU Hawn fejn sibna ruħna għażiża tiegħi.

MA UBU Hawn mhux il-Polonja.

PA UBU Fejn huma Kicov u z-Zar u Pesisoslav.

MA UBU Kemm hawn sħana.

IT-8 XENA.

Fl-infern. L-infern jaħraq.

KOLLHA (ħlief MA u PA UBU waqt li jduru magħhom) L-infern jaħraq, l-infern jaħraq ....

BELZEBUB Jien xitan jisimni Belzebub
Xogħli dejjem kien li nisraq il-qlub
U jekk tgħid li jien ħażin
Għadek qatt ma rajt xejn xbin
Tkellem meta tara 'l dawn l-ilpup.

KOLLHA L-infern jaħraq, l-infern jaħraq.......

LUCIFRU Jien Lucifru ħadd ma ġie jeħodli b'idi
Meta ntfajt fl-infern għax kont tlift il-fidi
Issa jiena qiegħed hawn
Hawnhekk fejn qatt ma ra dawl.
Nagħmel li rrid għax hawn ħadd m'hu sidi.

KOLLHA L-ifern jaħraq, l-infern jaħraq .....

MEFISTO Jien Mefisto dejjem inħuf 'l hawn u 'l hemm
Dejjem ngħarrex forsi nsib nixrob ftit demm
Sabiex jieħdu ftit mistrieħ
Lesti jħallsu dawn l-erwieħ
Nieħu għali iżda ħadd ma jsaqsi kemm.

KOLLHA L-infern jaħraq, l-infern jaħraq ....

SATANA Jien Satana, sultan tad-dlamijiet
Neqred xjuħ u żgħażagħ, tfal subien u bniet
Jien lejn ħadd m'għandi rispett
La għal Mari u la għal Kuncett
U taħt sieqi jispiccaw l-aqwa rejiet.

KOLLHA L-infern jaħraq, l-infern jaħraq ....

SATANA Allura sinjuri Ubu, x'ġiebkom hawn?

MA UBU Eżatt eżatt ma nafx, imma l-aħħar li niftakar kien hemm daqs mitt xabla jvenvnu ma' widnejja.

MEFISTO Trid ticcajta Ma Ubu, mhux ix-xwabel nižżluk hawn.

LUCIFRU Le, Ma Ubu, għidilna għalfejn spiccajt hawn.

BELZEBUB Ejja, mel'issa marritilkom l-arja kollha.

MA UBU Ersaq 'l hemm, int. Madonna kif dawruna. (lil UBU) Għid xi ħaġa int.

| | |
|---|---|
| SATAN | Iva, Pa Ubu, għidilna ftit kif spiccajt hawn fin-nirien ta' dejjem. |
| PA UBU | Ma tafx li n-nirien ta' dejjem iqajmuli ġismi xewk xewk. |
| MEFISTO | Għidilna, Pa Ubu, toqgħodx ittemtem. |
| PA UBU | Ma nafx, l-aħħar li niftakar konna se naħarbu jien u Ma Ubu bit-teżor tal-Polonja. |
| LUCIFRU | U qabel it-teżor? |
| MA UBU | Qabel dal-ġidra ta' żewġi sejjaħ gwerra kontra r-Russja? |
| BELZEBUB | U qabel il-gwerra? |
| MA UBU | Qabel, mhux meta qtilna n-nobbli w l-imħallfin? |
| SATANA | U l-finanziera. |
| PA UBU | Le qabel int sraqt it-teżor mill-kripta. |
| MEFISTO | Komplu, komplu. |
| MA UBU | Qabel għollejna bid-doppju t-taxxi kollha. |
| PA UBU | Imma dak mhux dnub. |
| LUCIFRU | Daż-żgur li le, u lanqas li qtiltu lir-Reġina mhux dnub. |
| BELZEBUB | Jew lir-Re. |
| SATANA | Imma għiduli ftit, 'l għala qtiltuh lir-Re? |
| MA UBU | Mhux dak ried jisraqlu l-kuruna, |
| PA UBU | Mhux int qgħadt tweghdni zalzett oħxon. |
| XJATEN | X'inhu? |
| PA UBU | Aħfruli, imma hekk hu, jien webbiltu biz-zalzett. |
| PA UBU | U jien fejn jidħol zalzett ma nafx ngħid le. |
| XJATEN | Jiġifieri dan. |
| MA/PA UBU | Kollu tort taz-zalzett. |
| XJATEN | (ikantaw) L-infern jaħraq, l-infern jaħraq ... |
| MA UBU | Mhix se nigdeb, ħa nitkellem kif imiss<br>Ħa nitkellem car u ngħid is-sewwa biss<br>Biex li ngħid ikun emmnut, ftakar illi meta tmut,<br>se jaħarqek l-aktar fejn kont tħobb tmiss. |
| XJATEN | L-infern jaħraq, l-infern jaħraq .... |
| PA UBU | Jien imissni li nitkellem l-aħħar nett,<br>Mhux se nżid xejn ġdid ma' dak li dejjem għidt,<br>Għalxejn twaħħal f'dak jew dan, Ikunx anġlu jew xitan,<br>L-għawġ tad-dinja kollu tort taz-zalzett. |
| KULĦADD | (filwaqt li joħorġu jiżfnu, jirrepetu) Għax fid-dinja kollox tort taz-zalzett. |